**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 31/2017 JVC**

**Ivor Zammit bhala mandatarju specjali tal-assenti Giovanna Lazzari**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Ivor Zammit noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

Illi l-imsemmija Giovanna Lazzari, li taghha Ivor Zammit huwa mandatarju, hija l-proprjetarja tal-appartament li kien jgib in-

numru intern 2 fil-korp ta' appartamenti li kien jgib l-isem "Mayfair Court" fi Triq il-Gejza, Swieqi;

Illi dan l-appartament safa` distrutt kompletament b'rizultat ta' hruq li kien hemm fl-istess blokk ta' appartamenti liema hruq gara fil-14 ta' Ottubru 1997 u b'rizultat tal-istess hruq, naturalment l-attrici garrbet hsarat qawwija hafna fl-istess appartament kif ukoll f'kull ma kien hemm fih;

Illi r-rikorrenti b'citazzjoni ppresentata fit-12 ta' Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet *Ivor Zammit noe vs. Christopher u Deborah Agius* (1079/1999) ippremettiet li responsabbli ghad-danni kollha li hija garbet b'rizultat ta' dan il-hruq kienu il-konvenuti Christopher u Deborah Agius u ghalhekk talbet lill Qorti issibhom responsabbli tad-danni kollha lilha kawzati bl-istess hruq u dan billi huma kienu responsabbli ghall-istess;

Illi l-Qorti tal-Appell waslet biex finalment tiddisponi minn dina l-vertenza b'sentenza tal-24 ta' Gunju, 2016 fejn ddecidiet billi ddikjarat lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u illikwidat l-istess danni fil-valur ta' €58,521.38 bhala l-prezz ta' rikostruzzjoni tal-istess fond u dan minghajr ma hadet in konsiderazzjoni jew tat ebda beneficcju lill-attrici ghat-telf ta' uzu tal-proprjeta tul dawn is-snin kollha sal-lum, billi l-fond ghadu ma giex rikostruwit, ghat-telf ta' imghax fuq is-somma tad-danni ghal din il-medda konsiderevoli ta' snin (u dan tenut kont ukoll tal-fatt illi l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Qorti hija bbazata fuq valutazzjoni tal-2005), u ghall-fatt li l-fond billi qieghed fit-tieni sular ma jistax jinbena qabel effettivament jinbena l-ewwel sular;

Illi b'rizultat ta' dan kollu r-rikorrenti sfat kumpensata għad-dannu li sofriet fil-1999 bil-ħlas lilha tal-prezz biex il-fond jiġi rikostruwit a bażi stima tal-2005 mingħajr ebda kumpens ieħor u dan il-kumpens tħallas lilha effetivament biss fl-2016 ben kważi sbatax il-sena wara li hija pprezentat l-att ġudizzjarju tagħha mingħajr ebda element ta' imgħax jew rivalutazzjoni (u għal dan il-fini r-rikorrenti tagħmilha ċara illi ż-żieda marġinali skond l-indiċi tal-inflazzjoni mill-2005 sal-2011 ma tikkostitwixxix rivalutazzjoni adegwata, speċjalment tenut kont ukoll tal-fatt li x-xogħol sejjer isir f'data futura indefinita għaliex ir-rikorrenti tiddependi għal kollox fuq ir-rieda tajba tal-propjetarji tal-arja sottostanti li jibnu s-sular tagħhom qabel ma hija tkun tista' tipproseġwi bil-bini mill-ġdid tal-propjeta' tagħha);

Illi inoltre dwar il-pretiża tar-rikorrenti li, stante li l-fond ta' taħt kien jappartjeni lill-konvenuti Agius u l-kumpens lilha mogħti mill-Ewwel Qorti kien biss kimeriku u ma jwassalx biex hija tkun tista' tirrikostruwixxi l-fond tagħha, Onorabbli Qorti tal-Appell illimitat ruħha biex tikkummenta is-segwenti:

> *"Madankollu, tasal biex tifhem ukoll il-problema li għandha l-attriċi, fis-sens li d-demolizzjoni tal-fond u r-rikostruzzjoni tiegħu jiddependi minn ftehim li jrid jintlaħaq bejn id-diversi sidien tal-blokka milquta bid-danni konsegwenti għan-nirien li ħakmu l-garaxx tal-konvenuti; biss dan il-punt mhux il-mertu tal-kawża odjerna. Din il-Qorti tawgura li fl-aħħar mill-aħħar għandu jirrenja l-buon sens bejn il-partijiet kollha involuti peress li għandu jkollhom interess komuni li l-proprjeta' tiġi demolita u rikostruwita fl-iqsar żmien possibli, sabiex igawdu jew jiddisponu mill-istess proprjeta' rispettiva tagħhom."*

Illi l-esponenti tissottometti li bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Qorti (kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni istanza) din damet zmien irragonevoli biex tiddisponi mill-pretensjoni taghha, u inoltre waslet biex tiddisponi minn dik il-vertenza b'mod li hija ma gietx bl-ebda mod lanqas adegwatament kumpensata ghat-telf tal-proprjeta' taghha u baqghet minghajr il-proprjeta taghha sal-lum;

Illi bit-trapass taz-zmien esagerat, minghajr ebda tort da parti taghha, billi hija segwiet il-proceduri assidwament, ir-rikorrenti garrbet telfien ta' imghax sostanzjali u telf sostanzjali kif anke jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fondamentali tal-bniedem;

Illi anke il-fatt li l-Qorti ddecidiet li kienet mehtiega minnha il-prova fil-ligi hija kienet ser tikri il-proprjeta' taghha biex hija tigi kkumpensata ghan-nuqqas tad-disponibilita' ghaliha tal-proprjeta taghha mid-data meta gara l-incident sa llum twassal ghall-konkluzjoni li gie negat lilha d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta taghha protett mill-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni ewropea dwar id-drittijiet fondamentali tal-bniedem;

Illi inoltre l-fatt li l-Qorti qieset li biex ir-rikorrenti tigi kkumpensata tat-telf tal-uzu tal-propjeta' taghha kellha ggib prova li hija kienet qed tikri jew kienet ser tikri l-istess propjeta' effettivament ifisser li l-Qorti kienet qieghda tistabilixxi fil-konfront tar-rikorrenti f'dik il-kawza grad ta' prova ferm oghla minn dak ta' bilanc ta' probabiltajiet rikjest fil-kamp civili, anzi, tenut kont tal-fatt illi zgur hadd ma kien sejjer jinteressa ruhu fil-kera ta' fond kompletament rovinat minn hruq, il-Qorti kienet qieghda effettivament titlob minghand ir-rikorrenti prova fi grad impossibbli, u ghaldaqstant ir-rikorrenti fil-kors tal-kawza numru

1079/99 giet imcahhda minn smigh xieraq bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi inoltre (u minghajr pregudizzju ghas-suespost) kwantu l-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-Artikolu 1045 tal-Kap. 16 ma kienx jintitola lir-rikorrent ghad-dannu kagunat minhabba telf ta′ kera u in kwantu huwa car illi bil-hruq soffert fil-propjeta′ taghha r-rikorrenti garrbet telfa assoluta ta′ kull uzu possibbli tal-appartament taghha, u in kwantu l-Istat ghandu ukoll obbligazzjoni affermattiva (*positive obligation*) li jara li l-ligi ma tikkreax sitwazzjonijiet fejn sid ta′ propjeta′ tigi pprivata mill-uzu jew tgawdija tal-propjeta′ taghha minghajr ma jkollha l-opportunita′ li tigi kkumpensata ghal tali privazzjoni jew restrizzjoni, ir-rikorrent soffriet ukoll ksur tad-drittijiet fundamentali taghha kif protetti bl-Artikolu 1 tal- Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; illi bhala parti mill-provi taghha f′dan il-gudizzju ir-rikorrenti taghmel riferenza ghall-provi u atti kollha fil-kawza fl-ismijiet *Ivor Zammit noe vs Agius* deciza kif ga inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-24 ta′ Gunju, 2016;

Illi fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi fuq esposti gew vjolati fil-konfront taghha d-dritt taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta taghha minghajr xkiel billi kemm il-ligi kif ukoll il-process gudizzjarju naqsu mitmum fl-24 ta′ Gunju 2016 li jipprotegu adegwatament dan id-dritt taghha ghal tali tgawdija;

Illi dawn il-vjolazzjonijiet jistghu jigu rimedjati biss b′kumpens gust li jirrifletti mhux biss il-fatt li sehhew l-imsemmija vjolazzjonijiet izda wkoll it-telf effettiv soffert mir-rikorrent kagun ta′ tali vjolazzjonijiet kif fuq spjegat.

Għaldaqstant jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li bil-fatti fuq esposti ġew vjolati fil-konfront ta' Giovanna Lazzari id-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif ukoll d-dritt fondamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjeta tagħha liema drittijiet tar-rikorrenti jinsabu protetti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ewropea dwar id-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif ukoll mill-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni ewropea dwar id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u b'hekk tagħtiha rimedju billi tagħtiha dak il-kumpens li jkun ġust u raġonevoli għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tagħha kif fuq esposti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali skond il-liġi, u bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali kif isegwi:

1. Illi fl-ewwel lok Ivor Zammit għandu jġib prova tal-prokura speċjali li tagħtu l-jedd jiftaħ din il-kawża f'isem Giovanna Lazzari;

2. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-ilment konvenzjonali kif imsejjes fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-intimat jibda billi jgħid li r-rikorrent nomine ma jistax jinqeda b'din il-proċedura speċjali biex jipprova jikseb aktar flus għall-mandanti tiegħu minn dak li tawha l-qrati ordinarji fil-proċeduri ċivili. Kif spiss jingħad f'dawn iċ-ċirkostanzi kawża kostituzzjonali jew konvenzjonali ma tistax tintuża bħala appell tat-tielet grad;

3. Illi l-argumenti kollha msemmija mir-rikorrenti nomine fir-rikors tieghu fejn tenna l-punt li l-mandanti tieghu kien haqqha tiehu kumpens aktar gholi minn dak moghti lilha ghall-hsara li garrbet bhala konsegwenza tan-nar li hakem il-gid taghha, gew kollha meqjusa u decizi mill-qrati civili. Ghalhekk mhux il-kaz li dawn l-argumenti ghandhom jergghu jigu trattati f'din il-kawza. Dan apparti mill-fatt li dawn l-argumenti johorgu 'l barra mill-parametri tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghaliex dan l-artikolu ma jidholx fuq kwistjonijiet sostantivi jew fuq l-apprezzament tal-provi izda jidhol biss fuq kwistjonijiet ta' ghamla procedurali;

4. Illi fuq kollox il-qrati ordinarji ma zidux il-kumpens tal-mandanti tar-rikorrent mhux ghaliex kien hemm xi xkiel procedurali jew legali izda ghaliex dawn sabu li r-rikorrent nomine ma sehhlux juri li l-mandanti tieghu garrbet aktar hsara minn dak li gie stabbilit. Wiehed ma jridx jinsa li kawzi ghar-rizarciment tad-danni mhumiex mahsuba biex wiehed jistaghna minnhom, b'dana li d-danneggjat ma jistax jippretendi li jircievi kumpens dwar hsara ulterjuri li ma garrabx kif hekk tajjeb ikkonkludew il-qrati ordinarji;

5. Illi fl-istess waqt lanqas ma huwa sew li r-rikorrent nomine juza dawn il-proceduri specjali biex iressaq provi godda li huwa ma ressaqx fil-kawza civili. Bhalma lanqas ma huwa xieraq li r-rikorrent nomine jinqeda b'din il-kawza biex dak li ma hax minghand Christopher u Deborah Agius fil-kawza civili jipprova jiehdu mill-but tal-poplu Malti. Huwa bil-wisq logiku li r-rikorrenti nomine ma jistax jippretendi li jikseb kumpens ghat-telf ta' kiri u ghat-telf ta' mghax

minghand l-Istat Malti ghax ma kienx l-Istat li holoq l-incendju;

6. Illi dan jorbot sew mal-fatt li f'kawzi dwar dewmien fi proceduri gudizzjarji, il-qrati kostituzzjonali ma taghtix danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bhala danni morali biex taghmel tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Fi kliem iehor ir-rikorrent nomine ghandu kull dritt li jfittex ghal kumpens morali mill-Istat jekk issehhlu juri li l-qrati ordinarji tassew hadu zmien mhux ragonevoli biex qatghu t-tilwima gudizzjarja izda l-istess rikorrent nomine m'ghandux dritt li dawk l-allegati danni materjali zejda li ma hax mill-qrati civili jipprova jehodhom mill-Istat b'dawn il-proceduri daqslikieku kien l-Istat jew il-Qrati li kkagunaw il-hsara fl-appartament tal-mandanti tieghu;

7. Illi bla hsara ghall-premess safejn ir-rikorrent nomine qed jilmenta fuq id-dewmien fil-proceduri gudizzjarji, jissokta jinghad li ghalkemm il-kawza civili damet dan ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku ghandu jinstab li kien hemm dewmien ingustifikat. Tabilhaqq hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irragonevolezza taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja l-kawza, imma ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. Ghalhekk, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il- procedura;

8. Illi huwa accettat ukoll li ma hemm l-ebda *time limit* li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-procedura quddiemha

ghax inkella l-interessi tal-gustizzja jigu ppregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta;

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrent nomine jrid jigi ppruvat li mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien kien wiehed kappriccjuz u mahsub biss biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skont il-ligi. Proprju fil-kaz tallum id-dewmien ma kienx wiehed kappriccjuz jew irragonevoli izda kien dovut mhux biss minhabba n-natura teknika li kien jinvolvi l-kaz izda anke minhabba li r-rikorrent nomine stess kien talab lill-Prim' Awla tal-Qoti Civili biex tieqaf milli tkompli tisma' l-kaz peress li huwa kien qieghed f'diskussjoni mal-kontro-parti biex jipprova jasal fi ftehim barra mill-Qorti;

10. Illi anke jekk wiehed ihares lejn il-verbali tal-kawza ma jidhirx li kien hemm xi nuqqasijiet tal-Qrati. Ghalhekk l-ilment kif mibni fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghandu jigi michud;

11. Illi bla hsara ghal dak li nghad hawn fuq, safejn l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq l-**artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** dan ukoll mhuwiex gustifikat. Tassew l-istat fl-ebda waqt tal-kawza civili ma ha xi proprjeta' tal-mandant tar-rikorrent jew b'xi mod fixkilha fit-tgawdija ta' gidha. Imbilli kien hemm pendenti proceduri ghal hlas ta' danni fuq il-proprjeta' ma jfissirx li l-Istat ha kontroll fuq hwejjeg il-mandanti tar-rikorrent;

12. Illi f'kull kaz l-ilment tar-rikorrent nomine dwar il-prova tal-hsara mitluba mill-qrati mhux misthoqq. Huwa principju

stabbilit kemm fil-ligi u kemm fid-duttrina li l-oneru tal-prova jaqa' fuq minn jallega. Ladarba r-rikorrent nomine kien qed jallega li l-mandanti tieghu garrbet telf ta' kiri kien jaqa' fuqu d-dmir li jressaq il-prova dwar dak it-telf. Jekk wiehed jara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell wiehed isib li dik il-Qorti gharrfet li mil-lenti legali r-rikorrent nomine kellu kull dritt skont il-ligi li jitlob kumpens ghat-telf ta' kiri pero` dik l-istess Qorti qieset li l-istess rikorrent nomine naqas milli juri li l-mandanti tassew tilfet qligh ta' kera ghaliex ma tressqet la prova li l-appartament kien ghall-kiri u lanqas li kien hemm il-hsieb li dan l-appartament jigi mikri 'l quddiem. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk kienet siewja meta cahdet dawn ir-ras ta' danni ghaliex ir-rikorrenti nomine naqas milli jipprova tali hsarat;

13. Illi bi twegiba ghar-rikorrent nomine, il-Qorti tal-Appell ma holqot l-ebda grad ta' prova ghola minn dak tal-bilanc tal-probabiltajiet. Kulma ghamlet huwa li mxiet fuq il-principju li *actore non probante, reus absolvitur;*

14. Illi fl-ahharnett l-esponent mhux qed jifhem x'inhu l-ilment tar-rikorrent nomine dwar l-**artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Skont din id-dispozizzjoni min bata xi hsara minn ghemil haddiehor ghandu d-dritt li jikseb kumpens kemm ghad-*damnum emergens* u kif ukoll ghal-*lucrum cessans.* Jigifieri skont dan l-artikolu tal-ligi r-rikorrent nomine seta' jikseb kumpens ghat-telf ta' kera. Minn dan l-aspett ghalhekk l-esponent qajla jista' jifhem kif l-Istat qieghed jigi attakkat li kiser xi obbligazzjoni pozittiva tieghu taht il-**Konvenzjoni Ewropea;**

15. Illi mbilli skont il-ligi r-rikorrent nomine kellu d-dritt li jithallas ghal-*lucrum cessans* ma jfissirx li huwa kien intitolat ghalihom b'mod awtomatiku. Persuna tkun haqqha tiehu dawk id-danni jekk tkun garrbet dawk id-danni. Fil-kaz taghna l-qrati civili wara li gharblu l-provi li tressqu quddiemha ma sabitx li l-mandant tar-rikorrent tabilhaqq ippruvat li hija tassew kienet ha garrab telf ta kiri u dan ghaliex *inter alia* l-appartament ma kienx mikri, ma kienx qieghed reklamat ghall-kiri u l-mandanti bhala barranija ma setghetx tikri l-appartament. Fil-fehma tal-esponent dawn il-konsiderazzjonijiet ma jmorrux kontra l-**artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.** Jigi b'hekk li anke dan l-ilment ghandu jigi mwarrab.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imfissra t-talbiet kollha mressqa minn Ivor Zammit nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-affidavits, xiehda, rapporti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rapporti ex-parte mressqa mill-attur nomine tal-Perit Malcolm Sullivan a fol. 37 sa fol. 39 u a fol. 80 sa fol. 83 tal-process u dak imressaq ex-parte mill-konvenut tal-Perit Paul Buhagiar a fol. 88 sa fol. 97 tal-process, dwar il-valur ghall-bini mill-gdid tal-appartament numru 2, Mayfair Court fi Triq il-Gejza, Swieqi.

Rat li l-atti kollha tal-kawza bic-citazzjoni 1079/1999JZM fl-ismijiet Ivor Zammit noe -vs- Christopher u Deborah Agius deciza finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Gunju, 2016 gew allegati mal-atti tal-kawza odjerna;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine Ivor Zammit a fol. 100 sa fol. 110 u dik tal-konvenut Avukat Generali a fol. 112 sa fol. 138 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Novembru, 2019 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi l-kawza odjerna giet istitwita wara kawza ohra deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Gunju, 2016 fl-ismijiet Ivor Zammit nomine -vs- Christopher u Deborah Agius. Fil-kawza odjerna qeghed jintalab rimedju kostituzzjonali stante li r-rikorrent nomine jallega li fil-kawza precedenti msemmija gew vjolati d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' tar-rikorrenti nomine sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz odjern huma kif isegwu:

L-attrici Giovanna Lazzari hija l-proprjetarja tal-appartament internament immarkat bin-numru 2 fil-korp ta' appartamenti fil-blokk bl-isem Mayfair Court fi Triq il-Gejza, Swieqi. Jirrizulta li fl-14 ta' Ottubru, 1997 karozza tal-ghamla Alfa Romeo li kienet

ipparkeggata fil-garaxx sottostanti l-proprjeta' tal-attrici hadet in-nar bil-konsegwenza li l-proprjeta' tal-attrici Giovanna Lazzari garrbet hsarat konsiderevoli, tant li l-appartament sar wiehed inabitabbli. L-istess gara fl-appartament sovrastanti proprjeta' ta' terzi. Fit-12 ta' Mejju, 1999 l-attur nomine ntavola l-kawza hawn fuq msemmija fejn talab *inter alia* li s-sidien tal-garaxx Christopher u Deborah Agius jigu kkundannati jhallsu s-somma hekk likwidata bhala danni sofferti mill-mandanti tieghu. Jirrizulta illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat zewg sentenzi bl-ewwel wahda tkun fuq ir-responsabilita' tal-hruq deciza nhar il-15 ta' Dicembru, 2003 kontra l-konvenuti u favur l-attrici (a fol. 134 sa fol. 141 tal-process 1079/1999). Peress li bid-decizjoni tal-15 ta' Dicembru, 2003 irrizulta li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-hruq, il-kawza prosegwiet fuq il-likwidazzjoni tal-danni sofferti mill-attur nomine bis-sentenza fil-Prim' Istanza tigi deciza fl-14 ta' Mejju, 2012 (a fol. 579 sa fol. 598 tal-process 1079/1999). Is-sentenza giet appellata mill-attur nomine u l-appell gie deciz fl-24 ta' Gunju, 2016 (a fol. 24 sa fol. 36 tal-process). Il-Qorti ta' l-Appell cahdet l-appell interpost u ordnat li b'zieda ma' dak deciz mill-ewwel Qorti fejn illikwidat l-ammont dovut bhala dak ta' €58,521.38 bl-imghax mid-data tas-sentenza, jizdied l-ammont ta' €538.72 rapprezentanti l-imghaxijiet li lahqu ddekorrew bejn id-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti u d-data li giet intavolata c-cedola ta' depozitu mill-istess konvenuti.

L-attur nomine jressaq l-ilmenti odjerni tieghu abbazi ta' dawk il-proceduri kif finalizzati mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u jsostni li gew lezi d-drittijiet tar-rapprezentata tieghu fil-qosor kif isegwi:

(i) Ghar-raguni li l-Qrati precedenti ma qisux id-danni li garrbet Giovanna Lazzari bejn is-snin 1999 u l-2016 konsegwenza tal-fatt li

hi ma setghetx taghmel uzu jew tikri l-appartamenti rizultat tal-hsara derivanti mill-hruq;

(ii) Illi l-likwidazzjoni tad-danni relattivi ghall-bini mill-gdid tal-appartament fid-decizjoni in kwisjtoni inhadmet fuq stima peritali li ggib is-sena 2005 filwaqt li d-decizjoni finali tal-appell nghatat fis-sena 2016;

(iii) Illi l-Qrati ma hadux kont tal-fattur li sabiex l-attrici terga' tibni l-appartament mill-gdid dan jiddependi kompletament fuq il-fatt li s-sidien tal-ewwel sular iridu l-ewwel jibnu l-parti taghhom;

(iv) Illi l-Qrati damu sbatax-il sena sabiex il-kawza in kwistjoni giet deciza finalment u ghal dan id-dewmien l-attrici ma thallset l-ebda imghax;

(v) Illi ghal dak li hu danni rizulat li ma setax jinkera l-appartament skont ir-rikorrent il-Qrati talbu grad ta' prova ghola minn dak impost fil-ligi u cioe' l-grad tal-probabbli;

(vi) Illi skont l-attur nomine l-artikolu 1045 rizultat tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell rrizulta li mhux rimedju sufficjenti fil-ligi sabiex l-attrici tigi kumpensata b'mod adegwat ghad-danni sofferti minnha.

L-attur nomine tkompli telabora li l-fatt li l-Qorti ddecidiet li kienet mehtiega l-prova li l-attrici kienet ser tikri l-appartament biex tigi kkumpensata, gie lilha negat d-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta' taghha protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Issostni li b'dan l-argument il-Qorti kienet qieghda titlob grad ta' prova ferm ghola minn dak ta' bilanc ta'

probabilita' rikjest fil-kamp civili. Anzi l-grad mitlub kien wiehed impossibli tenut kont li hadd ma kien sejjer jinteressa ruhhu jikri fond kompletament rovinat minn hruq. Dan wassal ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-Artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-attrici ssosnti li in kwantu l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriteniet li dan l-artikolu ma jintitolax lill-attur nomine ghad-dannu soffert minhabba telf ta' kera, nkwantu hija garrbet telf assolut ta' kull uzu possibbli tal-appartament tieghu, l-Istat ghandu obbligazzjoni affermattiva li jara li l-ligi ma tikkrejax sitwazzjonijiet fejn sid ta' proprjeta' tigi pprivata mill-uzu jew tgawdija ta' proprjeta' minghajr ma jkollha l-opportunita' li tigi kkumpensata ghal tali privazzjoni jew restrizzjoni.

Illi da parti tieghu l-intimat Avukat Generali fir-risposta tieghu jenfasizza li r-rikorrenti ma tistax tinqeda bil-proceduri specjali kostituzzjonali odjerni sabiex tipprova tikseb aktar kumpens ghaliex m'ghogobiex l-ezitu tal-kawza l-ohra. Jinsisti li kawza kostituzzjonali jew konvenzjonali ma tistax tintuza bhala appell tat-tielet grad. Jeccepixxi li l-argumenti kollha mressqa mir-rikorrenti fir-rikors odjern kollha gew imqajjma quddiem il-qrati ordinarji u gia gew meqjusa u decizi tant li l-Qorti tal-Appell ma ziditx il-kumpens. Jinsisti wkoll li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-smigh xieraq ma jidholx fuq kwistjonijiet sostantivi jew fuq l-apprezzament tal-provi izda jidhol biss fuq kwistjonijiet procedurali.

Il-konvenut Avukat Generali jirribatti in oltre li mhux sew li l-attur nomine juza dawn il-proceduri biex iressaq provi godda li huwa ma ressaqx quddiem il-qrati ordinarji jew li jinqeda b'din il-

kawza biex dak li ma ottjeniex minghand Christopher u Deborah Agius (is-sidien tal-garaxx li fih sehh il-hrug u intimati fil-kawza msemmija) jipprova jiehdu minn but il-poplu Malti. Jghid li r-rikorrenti nomine ghandu kull dritt li jitlob ghal kumpens morali mill-Istat jekk juri li tali dewmien kien tort tal-qrati ordinarji madanakollu m'ghandux dritt li jiehu dawk id-danni materjali zejda li ma hax mill-qrati civili. Isostni in oltre li l-attur nomine jrid juri li mhux biss il-kawza damet pendenti izda tali dewmien kien wiehed kapriccjuz jew irragonevoli u mahsub biss biex jizvantaggja lill-attrici fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skont il-ligi. Jsemmi wkoll li l-attur nomine filwaqt li l-kawza kienet pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kien talab hu stess li l-kawza tieqaf peress li kien hemm possibilita' li l-partijiet jittransigu u dan ghal perjodu ta' madwar sentejn.

Fir-rigward l-ilment dwar ksur tad-dritt sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe' d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta', l-konvenut jinsisti wkoll li dan mhux gustifikat. Jghid li l-Istat fl-ebda hin ma ha xi proprjeta' tal-attur nomine jew b'xi mod fixkel fit-tgawdija ta' l-istess. Jinsisti li billi kien hemm kawza ghal hlas ta' danni fuq il-proprjeta' kontra terzi ma jfissirx li l-Istat ha kontroll fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti. Jenfasizza li l-prova trid tingieb minn min jallega u fil-kaz prezenti l-attur nomine ma ressaqx prova tat-telf ta' kiri jew li l-post kien ghal kiri ghalhekk il-Qorti tal-Appell kienet siewja meta cahdet dawn id-danni stante li ma gewx pruvati u mhux ghaliex il-ligi ma tipprovdix rimedju legali.

Fir-rigward l-ilment ai termini tal-Artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimat isostni li ghalkemm il-ligi titkellem dwar il-*lucrum cessans* ma jfissirx li l-attur nomine huwa ntitolat awtomatikament ghall-istess. Fil-kaz prezenti l-intimat jeccepixxi

li l-Qorti gharblet il-provi migjuba quddiema u ma sabitx li l-attur nomine ressaq prova sufficjenti li kien ser ikun hemm telf ta' kiri. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jmorrux kontra l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**L-Ewwel Eccezzjoni:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat Generali ssolleva li l-attur nomine Ivor Zammit jrid igib prova tal-prokura specjali li taghtu jedd li jiftah u jidher fil-kawza ghan-nom ta' Giovanna Lazzari.

Illi permezz ta' nota ntavolata nhar it-28 ta' Gunju, 2017 l-attur nomine prezenta prokura specjali (a fol. 16 u fol. 17 tal-process) minn fejn jirrizulta li Giovanna Lazzari awtorizzat lil Ivor Zammit jiehu hsieb il-kawza fuq ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem kif ukoll hija rratifikat dak li ghamel qabel u kkonfermat mill-gdid il-mandat li tat lil Ivor Zammit. Dan rega' gie kkonfermat mill-istess Giovanna Lazzari fl-affidavit taghha a fol. 21 u fol. 22 tal-process fejn hija qalet is-segwenti:

> 'I had appointed Mr. Ivor Zammit to appear in this case and confirm here that I gave him the necessary power to appear and represent me in the Maltese Courts in this case. I am stating this as in the reply some doubts were raised about whether Mr. Zammit had the power to represent me.'

Din il-Qorti tinnota li l-prokura esebita m' ghandhiex data u evidentement saret wara li gie ntavolat ir-rikors stante li tissemma l-kawza stante li huwa ndikat in-numru tal-istess. Nonostante dan izda fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat fis-sezzjoni 'Ir-Rapprezentanza Gudizzjarja ta' Ivor Zammit bhala prokuratur tal-

assenti Giovanna Lazzari', iddikjara fil-paragrafu 31 li '*Fid-dawl ta' din il-prokura, l-esponenti jista' jghid li huwa ghandu mohhu mistrieh li s-Sur Ivor Zammit tabilhaqq jista' jidher f'din il-kawza bhala mandatarju ta' Giovanna Lazzari. Ghalhekk min-naha tieghu, l-esponenti jista' jghid li l-kwestjoni mqanqla fl-ewwel eccezzjoni tieghu, illum hija maghluqa u ezawrita;*'.

In vista ta' dak suespost din il-Qorti tiddikjara din l-eccezzjoni bhala wahda ezawrita.

**Konsiderazzjonijiet legali u fattwali dwar l-allegati lezjonijiet tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-attur nomine jilmenta minn lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-aktar ta' rilevanza ghall-kaz tar-rikorrenti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja huwa s-sub-artikolu 1 li jaqra kif isegwi:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'

Jilmenta wkoll minn lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. L-aktar ta' rilevanza minn dan l-Artikolu huwa s-segwenti:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi din il-Qorti sejra titratta dawn iz-zewg lezjonijiet tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea flimkien, u dana stante li skont kif iddikjarat mill-istess attur nomine (ara trattazzjoni ta' Dr Sarah Grech fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2019) l-fatti kollha allegatament jilledu entrambi l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Dan gie wkoll notat mill-intimat li fin-nota tieghu ssottometta li r-rikorrent ma tiddistingwiex fl-ilment tieghu bejn iz-zewg allegati vjolazzjonijiet.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li stante li r-rikors promotur odjern jiddependi kompletament fuq il-proceduri u d-decizjonijijiet precedenti huwa f'lokhu li tigi riportata d-decizjoni tal-appell li minnha qed isir l-ilment liema decizjoni tirriporta wkoll partijiet ta' dak deciz mill-ewwel Onorabbli Qorti kif isegwi:

*'Il-Qorti:*

*Rat ic-citazzjoni li tressqet fit-12 ta' Mejju, 1999, li taqra hekk:*

*"1. Peress illi l-attrici hija l-proprjetarja tal-appartament li jgib in-numru 2 fil-korp ta` appartamenti li jgibu l-isem "Mayfair Court" fi Triq il-Gejza, Swieqi, liema appartament safa` distrutt kompletament b`rizultat ta` hruq li kien hemm fl-istess blokk ta` appartamenti liema hruq gara fil-14 ta` Ottubru 1997 u b`rizultat tal-istess hruq, naturalment l-attrici garrbet hsarat qawwija hafna fl-istess appartament kif ukoll f`kull ma kien hemm fih.*

*"2. Peress illi dan il-hruq origina fil-garage sottostanti l-blokk ta` appartamenti fejn kien hemm parkeggjata l-vettura tal-konvenut li qabdet in-nar. Fl-istess garage kien hemm magazzinat ukoll kwantita`kbira ta` oggetti tal-karta u oggetti ohra inflammabili, proprjeta` ukoll tal-istess konvenut.*

*"3. Peress illi ghal dawn id-danni sofferti mill-attrici l-konvenut huwa unikament responsabbli.*

*"4. Peress illi l-konvenut mhux qed jaccetta ir-responsabilita` ghall-akkadut u lanqas ma qed jaccetta li jirrazarcixxi lill-attrici.*

*"Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex –*

*"(1) Tiddikjarah unikament responsabbli ghat-telfa tal-appartament u kull ma kien hemm fih, proprjeta` tal-attrici ;*

*"(2) Tillikwida id-danni sofferti mill-attrici, jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi ;*

*"(3) Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata bhala d-danni sofferti minnha – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*"Bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali u ittra ufficjali tal-5 ta` Ottubru 1998 kontra l-konvenut li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni tieghu."*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-26 ta' Awwissu, 1999, li in forza taghha gie eccepit:*

*"1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati stante illi m'huwiex minnu illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li garrbet l-attrici.*

*"2. Illi l-kagun tan-nar li holoq id-danni lill-attrici, kif ukoll lill-konvenuti stess, kien barra mill-kontroll tal-konvenuti.*

*"3. Illi l-konvenuti jirriservaw id-dritt illi jitolbu l-kjamata fil-kawza tal-manifatturi tal-karozza Alfa Romeo, propjeta' taghhom, li minnha bdew in-nirien.*

*"4. Salv eccezzjonijiet ohra."*

*Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Mejju, 2012, li in forza taghha dik il-Qorti iddecidiet billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, illikwidat id-danni tal-atturi fis-somma ta' tmienja u hamsin elf, hames mija wiehed u ghoxrin Ewro tmienja u tletin centezmu (€58,521.38), u ikkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s- somma ta' tmienja u hamsin elf, hames mija wiehed u ghoxrin Ewro tmienja u tletin centezmu (€58,521.38) bl-imghax legali b'effett mid-data tas-sentenza; kif ukoll ikkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk relattivi ghas-sentenza in parte tal- 15 ta' Dicembru 2003, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru 1998.*

*Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet, li ser jigu estensivament riprodotti ghall-ahjar intendiment tal-kawza:*

*"II. Il-kwalita' tad-danni*

*"Bis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru 2003, din il-Qorti (diversament presjeduta) iddikjarat lill-konvenuti responsabbli ghad-*

*danni u ghall-hsarat ikkagunati fil-flat numru 2, Mayfair Court, 36 Triq il-Gejza, Swieqi, propjeta' ta' l-attur noe.*

*"Din id-dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-konvenuti kienet rifless tal-ewwel talba attrici illi kienet tghid hekk –*

*"Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex – "Tiddikjarah unikament responsabbli ghat-telfa tal-appartament u*

*kull ma kien hemm fih, proprjeta` tal-attrici. (enfasi tal-qorti)*

*"Din l-ewwel talba kienet preceduta mill-premessa illi b'rizultat tal-hruq mertu ta' din il-kawza l-appartament numru 2, "Mayfair Court", Triq il- Gejza, Swieqi, safa` distrutt kompletament bir-rizultat illi l-attur noe garrab hsarat qawwija hafna fl-istess appartament kif ukoll f`kull ma kien hemm fih. (enfasi tal-qorti)*

*"Konsegwenza tal-ewwel talba, l-attur noe ressaq it-tieni talba u cioe – "Tillikwida id-danni sofferti mill-attrici, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.*

*"U wara dik it-tielet talba li tghid –*

*"Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata bhala d-danni sofferti minnha – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*"Jirrizulta li l-Qorti hatret perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti li rrelata inter alia dwar il-hsara li garrab il-fond tal-attur noe. Id-dettalji tal-kostatazzjonijiet peritali jigu trattati `l quddiem.*

*"Wara li kienet prezentata u mahlufa r-relazzjoni tal-Perit Ellul Vincenti kien koncess lill-attur noe li jressaq provi ohra dwar id-danni.*

*"Mill-provi illi ressaq l-attur noe wara li nhalef ir-rapport tal-perit tekniku, jirrizulta illi apparti l-hsara tal-flat, il-mandanti tal-attur u cioe` Giovanna Lazzari, sid l-appartament li nharaq, qeghda tippretendi wkoll hlas in linea ta' danni ta' -*

*"(a) L-ispejjez li nkorriet sabiex tinkarika lill-attur sabiex jamministra u*

jiehu hsieb tal-interessi taghha fil-kawza tal-lum;

"(b) L-ispejjez tal-iffumigazzjoni tal-flat;

"(c) It-telf ta' kera mill-flat;

"(d) L-imghax fuq din il-kera;

"(e) L-ispejjez ghall-hazna tal-ghamara;

"(f) L-ispejjez tal-assikurazzjoni ghal din il-hazna;

"(g) L-ispejjez ta' outboard engine li nharqet meta kienet fil-basement tal-blokk tal-flats;

"(h) Il-prezz ta' kcina u appliances godda minflok dawk illi nharqu; "(i) L-ispejjez tal-perit; "(j) L-ispejjez ghar-rilaxx tal-proces verbal; "(k) L-ispejjez ta' stima li saret mill-estate agents Frank Salt.

"Fid-deposizzjoni tal-attur noe, kemm permezz tal-affidavit kif ukoll fil-kontroezami, irrizulta illi l-mandanti tieghu kienet assikurata kemm ghall-bini tal-flat kif ukoll ghall-kontenut. Gara pero` illi l-immobbli kien underinsured u ghalhekk l-assikurazzjoni ma hallset xejn ghall-hsara tal-immobbli. L-assikurazzjoni hallset tal-hsara fil-mobbli bl- eskluzjoni tal-kcina u ta' l-appliances li kienu fitted u allura kienu meqjusa bhala parti mill-immobbli.

"Fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2010 id-difensur tal-attur noe ghamel dan il-verbal –

"Dr. Schembri ghal kull buon fini jiddikjara li l-pretensjoni ta' l-attrici f'din il-kawza hija risarciment ta' hsara fl-immobbli u fil-fitted kitchen tal-fond in kwistjoni. Il-mobbli kollha l-ohra li kien hemm fil-fond ma jaghmlux parti mit-talba ghar-risarciment, u dan peress illi ghalkemm dawk il-mobbli sofrew hsara, l-attrici rceviet risarciment skont polza ad hoc li kellha. It-talba atrici pero` tinkludi wkoll kumpens ghal loss of use tal-fond in kwistjoni.

"Wara li qieset il-premessi, il-kawzali u t-talbiet attrici, din il-Qorti tghid illi l-attur noe ghandu jedd jitlob mill-konvenuti risarciment tad-

*danni li gejjin –*

*"(a) Il-hsara tal-flat; "(b) L-ispejjez tal-iffumigazzjoni tal-flat;*

*"(c) L-ispejjez ta' outboard engine li nharqet meta kienet fil-basement tal-blokk tal-flats;*

*"(d) Il-prezz ta' kcina u appliances godda minflok dawk illi nharqu; u*

*"(e) L-ispejjez tal-perit.*

*"Din il-Qorti tqis illi d-danni l-ohra li taghhom l-attur noe qieghed jippretendi risarciment mhumiex ammissibbli fil-kuntest tal-premessi, tal-kawzali u tat-talbiet kif proposti minnu.*

*"Din il-Qorti tghid dan ghaliex kif proposta l-azzjoni attrici kienet qeghda tfittex risarciment ghal danni li n-nar ikkaguna fil-flat u f`kull ma kien hemm go fih. Din il-Qorti tasal biex tqis bhala ammissibbli ghax ancillari ghall-assjem fil-kuntest tal-azzjoni attrici kif proposta dawk l-ispejjez li huma markati (b) (c) u (e) billi tqis dawk markati (a) u (d) bhala direttament relatati mal-istanza kif proposta. Fl-istess waqt tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi d-danni l-ohra pretizi mill-attur noe huma ghal kollox barra mill-azzjoni kif proposta. Li kieku din il-Qorti kellha tammettihom tkun qeghda tiskonfina f`danni ultra petitae. Dana tghidu ghaliex mhuwiex lecitu illi qorti tinvestiga `l hinn mill-premessi, mill-kawzali u mit-talbiet. Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) fil-kawza "Azzopardi vs Azzopardi" fil-31 ta' Jannar, 2003, inghad illi "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed". (enfasi u sottolinear ta' din il-qorti)*

*"Ikkunsidrat:*

*"III. Il-hsara tal-flat skont il-perit ex parte tal-attur noe*

*"Il-perit ex parte tal-attur noe kien il-Perit Anton Valentino. Apparti illi quddiem il-perit tekniku kienu esebiti aktar minn certifikat wiehed rilaxxjati mill-Perit Valentino, u apparti illi huwa xehed quddiem il-perit tekniku, il-Perit Valentino xehed ukoll quddiem il-Qorti.*

*"Milli kkostata de proprio meta acceda in situ, il-posizzjoni tal-Perit Valentino kienet cara fis-sens illi fil-fehma tieghu bin-nar li hakem il- flat in kwistjoni, il-flat gie beyond economical repair u ghalhekk l-aktar mod sikur u ekonomikament vijabbli illi jerga` jsir abitabbli bla ma jitlef xejn mill-valur tieghu kien illi l-flat jigi demolit u jinbena bil-gdid wara li jigi demolit u rikostruwit il-garage sottostanti li kien qieghed iservi bhala l-pedament tal-istess flat.*

*"L-ahhar certifikat illi hareg il-Perit Valentino dwar il-flat ta' Giovanna Lazzari kien dak tal-21 ta' April 2008 markat Dok AV1 a fol 322. Meta hareg dak ic-certifikat, il-post kien ghadu fl-istess stat illi ra wara li safa` mahruq.*

*"Ir-rapport jittratta dwar demolition, reconstruction, installation of services, finishes and apertures fir-rigward tal-flat tal-attur noe.*

*"Jirrizultaw dawn il-konteggi – demolition €13,379.52 construction €18,704.15 plastering and painting € 8,793.18 floor finishes € 8,031.40*

*wall tiling € 3,035.87 bathroom and kitchen € 2,946.66 apertures €14,380 plumbing and drains € 3,524.59 electrical installation € 4,699.50 additional items €14,112.98 Total €97,607.95 (inkluz l-VAT)*

*"Il-Perit Valentino fisser illi l-additional items kienu jinkludu contingency ta' 10%, id-drittijiet tal-periti ghad-demolizzjoni u kostruzzjoni, id-drittijiet tal-project manager fuq il-finishes contingency 10%.*

*"Mill-istima kienet eskluza l-ghamara kollha hlief is-sink tal-kcina.*

*"Skont il-Perit Valentino, il-prezz tal-propjeta' kien joghla bi 15% fis-sena.*

*"In kontroezami, il-Perit Valentino xehed illi l-garage u s-saqaf tieghu kienu strutturalment spiccuti bhala konsegwenza tan-nar u ghalhekk ma setax la jissewwa u lanqas jigi restawrat. Fil-flat tant kien hemm hsara illi ma kienx jaghmel sens li wiehed jittenta riparazzjoni bhala alternativa ghal demolizzjoni u bini mill-gdid. Kien jigi jiswa` aktar flus*

*biex jissewwa u kien jibqa` post imsewwi. Assolutament ma kienx cost effective illi tinghazel it-triq tat-tiswija.*

*"Il-Perit Valentino qies illi l-flat kien inbena fis-snin sebghin u ghalhekk ma setax ikun eskluz illi bil-bini mill-gdid l-attur noe kien se jgawdi minn betterment. Fil-fatt ikkonferma illi bir-rikostruzzjoni, il-flat kien se jkollu twieqi godda, elettriku u plumbing gdid, u fixed kitchen cabinets godda ghaliex in-nar qered kollox. Il-fond kellu zewg faccati: il-hitan tal-faccata ta' quddiem u ta' wara mibnija dobblu.*

*"Bhala fatt huwa ma ghamel l-ebda stima tal-valur tal-post fis-suq.*

*"Ikkunsidrat:*

*"IV. Il-hsara tal-flat skont il-perit ex parte tal konvenuti*

*"Il-perit ex parte tal-konvenuti kien il-Perit Italo Raniolo. Huwa xehed kemm quddiem il-perit tekniku kif ukoll quddiem il-Qorti.*

*"Bil-maqlub ghall-fehma tal-Perit Valentino, il-Perit Raniolo xehed illi fil-garage tal-konvenuti, il-hsara kienet serja, filwaqt illi kienet inqas serja fil-flat ta' Giovanna Lazzari li kienet fl-ewwel sular u fil-flat ta' fuqu ta' l-konjugi Amato. Huwa ppropona tiswijiet strutturali fil-garage biex l-istruttura sovrastanti tigi fuori pericolo u wara jsiru r-riparazzjoni fil-flats sovrastanti..*

*"Fl-1997, il-Perit Raniolo stima l-ispiza kollha tar-riparazzjoni tat-tliet fondi u cioe` tal-garage, tal-flat fl-ewwel sular u tal-flat fit-tieni sular fl-ammont ta' €86,513 (u cioe` Lm37,140). Kellu jkun hemm riparazzjonijiet sostanzjali fil-garage li kien qieghed at ground floor level u tiswijiet inqas ta' sustanza fis-sulari sovrastanti.*

*"Fil-fehma tal-Perit Raniolo, id-demolizzjoni u l-bini mill-gdid tat-tliet fondi kienet tinvolvi spiza akbar.*

*"Fil-valutazzjoni tieghu, huwa ma ghamel l-ebda stima tal-finishes.*

*"Il-Perit Raniolo iqis gholjin l-istimi tal-Perit Valentino.*

*"Sabiex setghu jissewwew iz-zewg flats sovrastanti kellu jigi riparat il-garage l-ewwel. Milli kien jaf hu ma kien sar l-ebda xoghol ta' tiswija fil-garage.*

*"Il-Perit Raniolo jaccetta illi fil-flat nru.2 kellu jkun hemm bdil tal-madum tal-kamra tal-banju u tal-kcina u li kellu jinbidel l-elettriku (ara d-deposizzjoni tieghu tal-1 ta' Frar 2010 a fol 470).*

*"Skont il-Perit Raniolo, b'tiswija tajba, il-flat ma kien igarrab l-ebda deprezzament fil-valur tieghu fis-suq.*

*"Skont l-istess perit, li kieku kellha ssir demolizzjoni u bini mill-gdid l-ispiza involuta kienet tkun ta' €190,000 inkluz il-finishes pero` eskluza l-ghamara u l-furnishings.*

*"Sostna illi fl-istimi tieghu huwa ma tax* kont *tal-fatt illi l-flat nru.2 kellu mieghu a garden flat.*

*"Ikkunsidrat:*

*"V. Ir-relazzjoni tal-perit tal-qorti*

*"In esekuzzjoni tal-inkariku tieghu, il-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti ghamel zewg accessi, fejn anke ha ritratti huwa stess ta' dak li kien qieghed jikkostata, u gabar il-provi tal-partijiet.*

*"Apparti l-garage tal-konvenuti, ir-relazzjoni peritali tirrigwarda l-hsara kemm ta' flat 2 fl-ewwel sular ta' 'Mayfair Court', Triq il-Gejza, Swieqi, li huwa mertu ta' din il-kawza, kif ukoll il-hsara ta' flat 4, li jinsab fit-tieni sular u li huwa propjeta' tal-konjugi Amato. Diga` kien rilevat illi s-sidien tal-flat 4 ghandhom kawza pendenti mal-konvenuti fl-ismijiet 'Edward Amato et vs Christopher Agius et' (Citaz. Nru. 1724/1999) li qeghda tinstema` minn din il-Qorti kif presjeduta u li hija miexja ma` dik tal-lum. Il-provi li ngabru fil-kawza tal-lum, inkluza r-relazzjoni tal-perit tekniku, jghoddu wkoll ghall-kawza 'Amato et vs Agius et'*

*"Id-diversi ritratti illi ha l-perit tekniku juru l-hsara li kkaguna n-nar mhux biss fil-post fejn qabad izda fil-postijiet lejn fejn infirex inkluz l-flat tal-attur noe.*

*"Waqt l-accessi, il-perit tekniku kkostata illi fil-garage u f'kamra fuq wara (li rrizulta li kienu tal-konvenuti) u li huma sottostanti l-flat Nru.2, kien sehh nar, li huwa fisser bhala qawwi hafna ghaliex bhala effett tieghu sar moviment kbir fis-soqfa tal-garage u fil-kamra fuq wara.*

*"Kagun tan-nar, it-travi tal-hadid (tal-postijiet fejn fegg in-nar) sofrew shana qawwija tant li zzaqqu u tghawwgu u l-hitan xpakkaw. Dejjem fil-garage u fil-kamra fuq wara, il-perit tekniku sab illi l-gebla tal-franka bdiet process li ssir gir. L-effett ta' dan kollu kien illi saru diversi konsenturi f'hafna mill-hitan tas-sulari kollha. It-travi tal-hadid li kienu qed jerfghu s-sulari fuqhom izzaqqu minhabba s-shana qawwija u gew deformati. Dan ta lok ghal moviment serju fil-hitan tas-sulari ta' fuq.*

*"Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku jaghmel riferenza ghar-rapport tal-Perit Arthur Apap (Dok AA/1), li kien il-perit tas-sidien tal-flat 4.*

*"Jirreferi wkoll ghar-rapport tal-Perit Denis Camilleri (Dok DHC/1) li kien il-perit tal-assikurazzjoni. In partikolari dwar dan ir-rapport, il-perit tekniku jissofferma fuq il-fatt illi, skont il-Perit Camilleri, it-travi tal- hadid tal-fondi fejn beda n-nar ma kienux protetti kontra n-nar kif titlob is-sengha u l-arti u ghalhekk dawn izzaqqu hafna u maghhom nizlu s- soqfa u l-hitan.*

*"Il-perit tekniku jirreferi ghax-xiehda tal-Perit Italo Raniolo, li kif diga` rajna kien il-perit tal-konvenuti.*

*"In partikolari ghal fejn il-Perit Raniolo sab illi ghalkemm kien hemm hsara konsiderevoli kemm fil-garage kif ukoll fl-ewwel flat fuq il-garage (dak tal-attur noe) il-hsara fit-tieni sular kienet ta' entita' inferjuri.*

*"Bhala metodu ta' riparazzjoni, il-Perit Raniolo kien tal-fehma illi l-hsara setghet tissewwa billi jinqala` l-parti kbira tas-saqaf tal-garage u jigi replaced b'saqaf gdid u bl-inseriment ta' travi tal-hadid taht il-hitan divizorji li hemm fil-flats sovrastanti. Kellhom isiru pilastri tal-concrete mal-linja tal-hajt tal-appogg.*

*"Il-Perit Raniolo kien tal-fehma li bil-metodu tieghu ta' tiswija l-bini kien jerga` jigi strutturalment sod u tajjeb ghall-abitazzjoni. Ma kienx*

*hemm il-htiega li jinhatt il-blokk kollu. F`Dicembru 1997, il-Perit Raniolo kien stima l-ispejjez tat-tiswija fl-ammont ta' Lm37,140. Biex il-bini jinhatt u jerga` jinbena, l-ispiza kienet tirdoppja.*

*"Il-perit tekniku jirreferi ghax-xiehda tal-Perit Anton Valentino, li kif diga` rajna kien il-perit tal-attur noe.*

*"Bhall-Perit Denis Camilleri, il-Perit Valentino kkonferma illi t-travi fil-garage ma kellhom l- ebda forma ta' fire protection.*

*"Il-Perit Valentino kien tal-fehma illi jekk fil-flat nru.2 kienet se ssir tiswija biss, il-valur tal-flat fis-suq kien sejjer jonqos. Inoltre ma kienx rakkomandabbli li ssir tiswija ghaliex dik kienet tinvolvi spejjes eccessivi u periklu li jista' jiccaqlaq il-bini minhabba rfid drastiku li jrid isir.*

*"Il-perit tekniku jirreferi ghal xiehda bl-affidavit tal-Perit Richard Aquilina li kien il-perit mahtur mill-Magistrat Inkwirenti. Skont il-Perit Aquilina, il-hsara tal-binja kollha kienet tammonta ghal cirka Lm7282.60c.*

*"Wara li kkostata de visu l-hsara kollha li kkaguna n-nar, wara li gabar il-provi u qies il-fehmiet tal-periti li taw ix-xiehda taghhom, il-perit tekniku esprima ruhu kif gej –*

*1) "Il-hruq origina fil-garage tal-konvenuti u kkaguna hsara kemm fil-bini kif ukoll fil-kontenut taz-zewg fondi sovraposti ghall-garage u cioe` il-flat 2 tal-attur noe u l-flat 4 ta' Edward Amato.*

*2) "Il-garage fejn skatta n-nar kien jikkonsisti minn zewgt ikmamar kbar: wahda fuq quddiem u ohra fuq wara b'soqfa tal-concrete jserrhu fuq travi tal-hadid. Irrizulta li t-travi ma kellhomx protezzjoni kontra n- nar u ghalhekk grat hsara rreparabbli.*

*3) "In-nar ikkaguna hsara estensiva: b'kalcifikazzjoni tal-gebel tal- hajt tal-garage li faqqa` bl-ikrah specjalment madwar il-bitha interna. Is-soqfa tal-garage izzaqqu u strahu fuq it-travi li wkoll nizlu u strahu. Fil-bini tas-sulari ta' fuq il-garage, l-art izzaqqet, hitan inqasmu, kolonni tal-gebel gew iperpru fl-arja, is-sistema ta' dranagg, elettriku u ilma spicca*

*ghal kollox, twieqi u hgieg tfarrku, sanitary fittings gew danneggjati.*

*4) "Dwar it-tiswija tal-fondi kif propost mill-Perit Italo Raniolo, il-perit tekniku sostna illi dik is-soluzzjoni kienet tipprezenta hafna diffikultajiet*

*"a) Il-hsara fil-livell tal-garage hi estensiva hafna, hafna mill-hitan iridu jinbidlu, soqfa tal-concrete iridu jitkissru u jergghu jsiru, travi tal-hadid jinqalghu u jinbidlu, pilastri jitkissru u jergghu jsiru. Biex isir dan ix-xoghol irid jintrifed il-bini kollu sovrapost bi spiza kbira u diffikultajiet. Anke jekk dan isir, il-bini ta' fuq xorta wahda jibqa` difettuz fis-sens li anke s-soqfa tal-flats issaggjaw u l-hitan cedew u nizlu. Kollox huwa possibbli izda x`sejra tkun in-nefqa finali biex is-soqfa / hitan jigu ggekkjati b'tali mod li jergghu jigu fil-livell li kienu qabel?*

*"b) It-twieqi, bibien, kitchen cupboards, sinks, sanitary ware, sistema tal-elettriku, sistema tal-ilma, sistema ta' dranagg, dawn kollha jridu jsiru mill-gdid. Tiswija biss ta' dawn is-servizzi ma tirrappresentax il- flats ghall-istat li kienu qabel.*

*"c) Il-valur tal-flats zgur li jonqos jekk xi darba dawn il-flats jigu on the open market, meta wiehed jiehu konsiderazzjoni il-fatt li dawn il-flats kienu nharqu u fihom saret biss tiswija.*

*"5) Il-fehma espressa mill-perit tekniku kienet din -*

*"a) Sabiex tissewwa l-hsara tas-sulari ta' fuq il-garage fejn sehh il- hruq b'interventi piecemeal, li jkunu skont is-sengha u l-arti, li jirripristinaw il-fondi ghall-istat illi kienu qabel il-hruq bla ma jonqos il- valur taghhom fis-suq, kien mehtieg illi jintefqu somom kbar ta' flus bir-rizultat li biex tintuza espressjoni maltija "iz-zalza tigi oghla mill-hut" u xorta l-post jibqa` msewwi.*

*"b) Ghalhekk il-perit tekniku b'konvinzjoni (kliem il-perit tekniku) kien tal-fehma illi l-garage u z-zewg flats fuqhom ghandhom jigu demoliti u l-bini jerga` jitla` mill-gdid hlief ghal parti wara t-tromba tal-flats.*

*"c) Il-perit tekniku hejja skeda (Dok JEV/B) li turi x-xogholijiet li jridu jsiru, u r-rati relattivi biex jitwaqqghu il-flats 2 u 4, u jergghu jinbnew*

*mill-gdid fuq saqaf, pilastri u travi ddisinjati u mibnija biex jiehdu l-piz tal-flat 2 u 4 fuqhom. Fl-iskeda ma hemmx inkluza d-demolizzjoni u l-bini mill-gdid tal-garage tal-konvenuti, izda tinkludi l-flatlet li hemm wara t-tarag tal-flats.*

*"Mid-dettalji tal-iskeda Dok JEV/B, li kienet prezentata mar-relazzjoni peritali fl-14 ta' Ottubru 2005, jirrizulta illi l-ispiza fil-kaz tal-flat 2 u cioe` dak tal-mandanti tal-attur tammonta ghal €44,510.81 (u cioe` Lm19,108.49c).*

*"Ikkunsidrat:*

*"VI. Piz probatorju tar-relazzjoni tal-perit tal-qorti*

*"Il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta' natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant sabiex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.*

*"Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza "Calleja vs Mifsud" irriteniet li –*

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il- konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l- ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l- mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

*"Ghalkemm huwa minnu li l-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohra kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif ighid l-Art. 681 tal- Kap.12, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha. Fl-istess waqt dan ma jfissirx pero` illi l-Qorti tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal- materja taht ezami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998). Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mil-lat tekniku. ("Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "Calleja noe vs Mifsud" – Qorti tal-Appell – 19 ta' Novembru 2001). Il-giudizio dell'arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l- konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("Bugeja et vs Muscat et" – Qorti tal-Appell – 23 ta' Gunju 1967).*

*"Ikkunsidrat:*

*"VII. Risultanzi*

*"Il-pern tad-disputa dwar id-danni fil-kawza tal-lum hija jekk sabiex Giovanna Lazzari tkun tabilhaqq risarcita, fit-termini ta' l-Art.1045 tal-Kap.16, ghall-hsara li garrbet fil-flat taghha Nru.2, Mayfair Court, Triq Il-Gejza, Swieqi, u ghal li kien hemm gewwa fih, kif del resto ippremettiet u talbet fic-citazzjoni, u dan kagun tan-nar li fegg mill- garage sottostanti l-flat taghha, propjeta' tal-konvenuti, kienx bizzejjed li ssir tiswija tal-garage sottostanti l-ewwel, segwita minn tiswija tal-flat taghha, jew inkella kienx mehtieg, tenut kont tal-effetti tal-incendju, illi jkunu demoliti l-garage (tal-konvenuti) il-flat ta' fuqu (dak tal-attrici) u*

*l- flat ta' fuq dak tal-attrici (tal-konjugi Amato) u jergghu jinbnew mill-gdid.*

*"In linea generali, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" ("Tufigno vs Micallef noe", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga' jitqieghed ragonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad- danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. ("Galea pro et noe vs Gatt et" – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta' Novembru 1958; "Zammit vs Calleja" – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977; "Sant vs Borg" – Prim` Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979).*

*"Din ir-regola tar-restitutio in integrum hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll principju tad-dritt li ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli sabiex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet sabiex jirreduci l-hsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi materja ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut. (ara - "Aquilina vs Schembri" – Qorti tal-Appell [SedeCivili] - 24 ta' Jannar 1969; "Xuereb vs Livick et" – Qortital- Appell Inferjuri – 3 ta' Novembru 1956; Kollez. Vol.XXXVII.I.478 u Kollez. Vol. XXXVIII.I.249).*

*"Wara li rat l-atti, qieset il-provi akkwiziti, in partikolari r-relazzjoni peritali, din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku illi d-demolizzjoni u rikostruzzjoni tal-fondi li kienu mahkuma min-nar*

*tirrispekkja bl-ahjar mod il-principju tal-kompensazzjoni dovut lill-attur noe b'mod illi min-naha wahda jkun rispettat il-principju tar-restitutio in integrum u min-naha l-ohra ma jkunx infrant il-principju tal-mitigazzjoni tad-danni.*

*"Din il-Qorti ghandha l-konvinciment illi l-perit tekniku, frott tal-esperjenza twila u mifruxa tieghu, izda l-aktar frott tal-kostatazzjonijiet tieghu, u wara li wizen il-fehmiet tal-periti ex parte, wasal ghall-metodu ta' kompensazzjoni li huwa l-aktar in linea ma` dak li trid il-ligi.*

*"Rinfaccjata kif inhi bl-entita' kbira tal-hsara li kkaguna n-nar (ara r-ritratti u r-rapporti tal-periti), din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi tiswija tal- fondi koinvolti hija l-ahjar risarciment tal-attur noe, kemm bhala spiza, kemm bhala sigurta', kif ukoll bhala valur tal-immobbli. Bil-mezzi teknici li hawn illum, bl-ingenji li hawn illum, bil-haddiema tas-sengha li hawn illum, u fuq kollox bil-kompetizzjoni fil-prezzijiet tal-provvista ta' materjal, prodotti u servizzi li tezisiti fis-suq llum, din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li tiswija kif proposta mill-perit ex parte tal-konvenuti tkun att ta' ingustizzja lejn l-attur noe, ghax tkun lesiva ghal kwalsiasi principju ta' kompensazzjoni xieraq u gust tad-danni, u disrispettuz ghal kollox ghal kwalsiasi principju ta' mitigazzjoni tad-danni. Dan kollu din il-Qorti dan tghidu anke ghaliex wara li semghet ix-xiehda viva voce tal-perit ex parte tal-konvenuti mhijiex konvinta mir-reqqa u mill-kompletezza tal-accertamenti u kostatazzjonijiet tieghu.*

*"Billi din il-Qorti qeghda tiskarta l-proposta tal-perit ex parte tal-konvenuti u allura l-istimi tieghu, tibqa` l-kwistjoni tal-quantum tad-danni attribwibbli ghall-fond tal-attur noe mill-ispejjez tad-demolizzjoni, rikostruzzjoni u finishing tat-tliet fondi. L-istima tal-perit tekniku kif dedotta fir-relazzjoni tieghu hija ta' €44,510.81 (Lm19,108.49c). Ir-relazzjoni kienet prezentata fl-14 ta' Ottubru 2005. L-istima tal-perit ex parte tal-attur noe kienet ta' €91,607.95 (Lm39,327) u saret fil-21 ta' April 2008. Hemm ghalhekk differenza sostanzjali bejn iz-zewg valutazzjonijiet.*

*"Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-figura li sejra tigi likwidata bhala danni ghall-post ghandha tirrifletti kemm jista' jkun il-valuri tal-lum*

*ghaliex il- likwidazzjoni tad-danni se ssir illum. Ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu tas-6 ta' Ottubru 2008, il-Perit Anton Valentino xehed illi l-valur tal-propjeta' joghla bi 15% fis-sena, dak l-awment mhux rifless fil-cost sabiex il-bini jitwaqqa`, jinbena mill-gdid u jsir il-finishing tieghu fis- sens illi l-awment kull sena huwa anqas.*

*"Bhala stima tal-hsara tal-post, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghas-sena illi saret u cioe` l-2005 dik tal-Perit Ellul Vincenti hija gusta. Din il-Qorti tghid ukoll illi b'applikazzjoni tal-principji tal-kompensazzjoni, hija sejra arbitrio boni viri tawmenta l-istima tal-perit tekniku skont l-indici tal-inflazzjoni sabiex tqarreb il-valuri ghal-lum.*

*"Fl-2006, l-indici tal-inflazzjoni fuq is-sena 2005 kien juri bidla percentwali ta' 2.77% li jfisser li l-istima tal-perit tekniku titla` ghal €45,743.76*

*"Fl-2007, l-indici tal-inflazzjoni fuq is-sena 2006 kien juri bidla percentwali ta' 1.25% li jfisser li l-istima tal-perit tekniku titla` ghal €46,315.56.*

*"Fl-2008, l-indici tal-inflazzjoni fuq is-sena 2007 kien juri bidla percentwali ta' 4.26% li jfisser li l-istima tal-perit tekniku titla` ghal €48,288.60.*

*"Fl-2009, l-indici tal-inflazzjoni fuq is-sena 2008 kien juri bidla percentwali ta' 2.09% li jfisser li l-istima tal-perit tekniku titla` ghal €49,297.83.*

*"Fl-2010, l-indici tal-inflazzjoni fuq is-sena 2009 kien juri bidla percentwali ta' 1.51% li jisser li l-istima tal-perit tekniku titla` ghal €50,042.23.*

*"Fl-2011, l-indici tal-inflazzjoni fuq is-sena 2010 kien juri bidla percentwali ta' 2.72% li jfisser li l-istima tal-perit tekniku titla` ghal €51,403.38.*

*"Billi ghaddew ftit aktar minn hames xhur mill-bidu tal-2012, din il-Qorti mhijiex sejra timputa awmenti ghas-sena korrenti.*

*"Din il-Qorti tqis il-likwidazzjoni tal-figura ta' €51,403.38 bhala danni tal-post bhala gusta anke wara li hadet in konsiderazzjoni illi min-naha wahda bil-fatt illi l-flat tal-attur noe se jinbena mill-gdid se jkun hemm element ta' betterment u min-naha l-ohra qeghda ssir gustizzja mal-attur noe ftit inqas minn hmistax-il sena wara li sehh l-incendju.*

*"Mal-ammont ta' €51,403.38, din il-Qorti sejra takkorda wkoll kumpens (a) ghall-fitted kitchen u appliances fl-ammont shih ta' €4700 (b) ghall-outboard motor ta' €466 (c) ghall-iffumigazzjoni tal-flat l-ammont ta' €56 u (d) ghall-ispejjez tal-periti l-ammont ta' €1896 Is-somma tad-danni twassal ghall-figura ta' €58,521.38.*

*"Ikkunsidrat: "VIII. L-imghax*

*"Mad-danni likwidati, l-attur noe qieghed jitlob hlas ta' imghax b'effett mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u cioe` mit-12 ta' Mejju 1999.*

*"Meta l-ammont pretiz in linea ta' danni jkun indikat fl-att tac-citazzjoni, huwa permess li l-Qorti tordna illi fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal- presentata tal-att tac-citazzjoni (ara 'Sacco vs Muscat Scerri' deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2003).*

*"Pero` fil-kaz tal-lum, fit-tieni domanda ta' l-istanza tieghu, l-attur noe ma talabx ammont prestabbilit in linea ta' danni izda talab danni da liquidarsi.*

*"Il-Qrati taghna segwew il-massima in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur (ara s-sentenzi Vol.XVIII.II.431 ; Vol XIX.I.83 ; Vol. XX.I. 308 ; Vol XXXVI.I.190). L-applikazzjoni ta' dan il-principju huwa r-regola u l-oppost huwa l-eccezzjoni. (ara s-sentenzi – 'Schembri vs Buhagiar' – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997 u 'Aquilina vs Mamo noe' – Qorti tal-Appell – 19 ta' Novembru 2001). Tiskatta l-eccezzjoni meta l-likwidazzjoni tkun giet dilazzjonata bi htija tad-debtur (ara Vol.XXXVI.I.181 – 23 ta' Gunju 1952 - Appell Civili – 'Savona pro et noe vs Asphar et')*

*"Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda*

*għall-ħlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f`sitwazzjonijiet fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun waħda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jħallasx dak li jkun gie intimat biex iħallas imma wkoll li jkun diffiċli jekk mhux impossibbli għalih, li jkun jaf x`inhu minnu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza (ara – 'Sare` vs Sammut' – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*"Applikat il-premess għall-kaz tal-lum, din il-Qorti tgħid illi dak tal-lum mhuwiex kaz fejn jista' jingħad li seħħ dewmien kagun ta' xkiel jew ħtija da parti tal-konvenuti li svijaw il-kawza mill-kors ordinarju tagħha. Lanqas ma tirrizulta l-prova li l-kontestazzjoni tal-konvenuti fir-rigward tat-talbiet attrici kienet vessatorja jew malizzjuza b'mod li seta' kien hemm lok għall-applikazzjoni tal-massima malitiis non est indulgendum li allura kien jagħti lok għall-varjazzjoni tal-principju in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur.*

*"Din il-Qorti sejra għalhekk tapplika l-principju generali u tgħid illi l-imgħax għandu jiddekorri mil-lum."*

*Rat ir-rikors tal-appell tal-attur nomine li bis-saħħa tiegħu u għar-ragunijiet hemm premessi, talab illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal- ewwel Qorti tal-14 ta' Mejju, 2011 (recte 2012) u dan billi filwaqt li tikkonfermaha sa fejn caħdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tirriformaha in kwantu illikwidat bħala danni s-somma ta' €58,521.38 u ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-istess somma, u minflok tillikwida somma ulterjuri f'ammont akbar u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma li tigi hekk likwidata, bl-imgħax legali mid-data tal-presentata tal-istess citazzjoni; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.*

*Rat ir-risposta tal-appellati konjugi Agius, li permezz tagħha u għar-ragunijiet minnhom hemm imsemmija, filwaqt li għamlu referenza għall-provi migbura, talbu illi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza mogħtija mill- ewwel Qorti tal-14 ta' Mejju, 2012, u tiċħad l-appell interpost mill-appellant nomine, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra tiegħu.*

*Rat ic-cedola ta' depositu tal-konvenuti konjugi Agius li iggib referenza 941/2012, li permezz taghha u sabiex jezimu ruhhom minn kull responsabilita` iddepozitaw is-somma ta' €67,792.71, rapprezentanti sorte, spejjez u drittijiet legali, kif ukoll il-VAT relativ skont il-ligi.*

*Semghet lid-difensuri tal-partijiet, li fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2016, ittrattaw l-appell, li gie differit ghas-sentenza.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda kollha li nghatat fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2001, li tinsab ezebita fl-atti tal-process 1724/1999, li kienet qeghda timxi flimkien ma' din il-kawza peress li kellha mertu identiku.*

*Rat illi dik il-kawza giet deciza fl-istess gurnata bhal din, izda li ma sar ebda appell minnha u ghalhekk ghaddiet in gudikat.*

*Ikkonsidrat:*

*Illi l-appell imressaq mill-attur nomine huwa limitat ghal dik is-sentenza tal-14 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha gew likwidati d-danni dovuti lill- mandatarja tieghu, konsegwenza ta' nar li hakem il-garaxx tal-konvenuti, liema nar infirex u ikkawza hsara fil-proprjetajiet sovrastanti, inkluz l-appartament tal-appellant nomine. Hadd mill-partijiet ma appella mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Dicembru, 2003, li permezz taghha kien deciz li l-konvenuti kienu tassew responsabbli ghall-hsarat kagunati fil-flat numru 2, Mayfair Court, 36, Triq il-Gejza, Swieqi, proprjeta` tal-attur nomine. Ghalhekk dik is-sentenza ghaddiet in gudikat.*

*L-appell tal-attur nomine in ezami huwa msejjes fuq tliet aggravji, li jistghu jigu sintetikament migbura fil-qosor bhala (i) li l-ewwel Qorti ma inkludietx fil-likwidazzjoni li ghamlet, danni li skaturaw min-nuqqas ta' uzu u telfien ta' uzu tal-fond mir-rikorrenti appellant, wara n-nirien; (ii) in- nuqqas ta' komputazzjoni ta' imghax fuq l-ammont li gie likwidat*

*bhala danni; u (iii) li l-likwidazzjoni ta' danni ma tirrifletti bl-ebda mod l-ispiza li huma ser ikollhom jinkorru sabiex l-appartament li gie distrutt jigi ripristinat u lanqas m'hemm rifless id-diffikultajiet inerenti fir-rikostruzzjoni ta' dan l-appartament.*

*Kwantu ghall-ewwel aggravju, ghandu jinghad mal-ewwel, illi din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellanti limitatment fir-rigward tal-fatt li t-talba attrici ghat-telf tal-uzu tal-appartament ut sic ma kienitx taqa' lil hinn mit- talbiet attrici hekk kif imressqa fic-citazzjoni, peress li din kellha bhala bazi talba ta' danni naxxenti minn culpa, wara li intilef l-appartament konsegwenza tan-nar li hakem il-garaxx tal-konvenuti. Dan qieghed jinghad a bazi tad-disposizjoni tal-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, li jipprovdi ghal danni effettivi (jew reali) li jistghu jitqiesu f'kawzi dwar hsara direttament naxxenti minn delitt jew kwazi-delitt, senjatament: (a) l-ispejjez li parti setghet ghamlet minhabba l-hsara; (b) it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali; u (c) telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib. Ghalhekk huwa meqjus li telf ta' kera jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' telf ta' qliegh, u dan it-telf huwa involut fit-talbiet attrici kif minnha maghmula fic-citazzjoni relattiva ghal din il-kawza.*

*Madankollu huwa ritenut ukoll li d-dannu jrid jigi ipprovat mid-danneggjat bhala telf attwali u mhux jibqa' wiehed ipotetiku sabiex tirnexxi t-talba tal-appellant nomine, peress li kif pacifikament ritenut:*

*non gia dedotta da mere possibilita` ." (Kollez.Vol. XXVI, Pt I, p. 11)*

*Hekk ukoll fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 2010, ta' din il-Qorti f'Sede Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Farrugia v. Antoine Grima, kien ritenut illi:*

*"Jigi osservat illi fit-termini ta' l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili d-dannu jikkonsisti inter alia, fit-"telf effettiv li l-eghmil ikun gieb direttament lil parti li tbati l-hsara". Li jfisser, b'applikazzjoni, illi r-*

*responsabilita' tad- danneggjant hi cirkoskritta ghad-danni immedjati u diretti naxxenti mill-event ta' l-incendju. B'dan il-mod il-ligi trid tevita li d-danneggjant jirrispondi ghal kwalsiasi xorta ta' danni, anke ta' konsegwenza remota. Ara f'dan is-sens "Antonio Mallia -vs- Catherine Moore", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954;*

*"Issa ma jistax jonqos li jigi rilevat qabel xejn illi fejn tidhol il-komputazzjoni tad-danni tezisti t-tendenza, anke jekk mhux bilfors intenzjonata illi d-danneggjat jezagera t-talba tieghu dwar kemm kien n-numru ta' oggetti li sfaw danneggjati, u li jinflazzjona wkoll il-valur taghhom bl-ispettanza ta' rizarciment li, fir-realta', ma jkunx dak idoneju. In partikolari, dan frekwentement jigri fejn dik l-istess talba ma tkunx supportata minn ricevuti, fatturi jew prova dokumentarja ohra ta' sostenn. Dan kollu qed jinghad biex jintroduci t-tema dwar il-kalkolazzjoni tad-danni;*

*"Hi gurisprudenza pacifika illi d-deklaratorja generali tad-danni m'hijiex prova ta' l-ezistenza taghhom imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni jekk ikun hemm. Ara, a propozitu u fost ohrajn, is-sentenza fl-ismijiet "Kurunell Stephen Borg nomine et -vs- Joseph Schembri", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Jannar, 1965. Kif ukoll konstatat, il-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu. Ara "Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar", Appell Civili, 1 ta' Frar, 1966;*

*"Attiz li d-danni sofferti mill-attur kienu jinsabu f'rapport ma' dik ta' l-immedjatezza u tal-prossimita' ghal liema jirreferi l-Artikolu 1045 fuq imsemmi, in linea ta' principju l-attur htieglu jipprova l-kwantum tas-somma minnu reklamata."*

*Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha. A bazi tal-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili u tal-principji hawn fuq enuncjati, din il-Qorti mhix sodisfatta li, fil-kaz odjern, it-talba attrici ghat- telf tal-uzu tal-appartament, konsistenti f'telf ta' kera hekk kif reklamati mill-attur nomine, hi sostnuta bil-provi. Qieghed jinghad*

*hekk ghar- raguni li mill-provi jirrizulta inkontestat li fil-mument meta gara l-accident, l-appartament ma kienx qieghed jigi mikri, u lanqas ma kien effettivament qieghed jigi reklamat ghall-kiri, u dan kif jirrizulta b'mod car mix-xhieda in kontro-ezami ta' Giovanna Lazzari waqt is-seduta tat-2 ta' April, 2009. Dan apparti konsiderazzjoni rilevanti ohra, u cioe`, li fiz- zmien in kwistjoni, l-istess Lazzari tammetti li l-ligi ma kienitx tippermetti li sidien ta' proprjeta` li mhumiex residenti hawn Malta li jikru l-istess proprjeta`. Lanqas ma jirrizulta li l-imsemmija Lazzari, minhabba d- distruzzjoni tal-appartament taghha, kellha tikri xi proprjeta` hawn Malta biex ikollha fejn toqghod. Meta din il-Qorti tikkonsidra dawn il-fatturi, ma tarax possibli li wiehed isostni b'success l-pretensjoni ta' telf ta' qliegh derivanti minn kera, ladarba t-telf ta' qliegh pretiz la kien effettiv u lanqas ma kien telf ta' qliegh attwali.*

*Ghalhekk filwaqt li din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni milhuqa mill- ewwel Qorti, meta din ma allokatx danni lill-attrici, konsistenti f'telf ta' kera (ghalkemm ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija minnha), tghid li dan l-ewwel aggravju tal-appellanti ma jirrizultax misthoqq.*

*Issa li gie trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-tieni aggravju tal-appellanti, dak dwar il-komputazzjoni ta' imghaxxijiet imwettaq mill-ewwel Qorti. Wara li l-Qorti fliet l-iter shih tal-kawza, ma tarax li d-dewmien biex tigi determinata l-kawza kien dovut ghal xi nuqqas da parti tal-konvenuti. Jigi innotat li l-kap tar-responsabilita` kien determinat permezz ta' sentenza tal-15 ta' Dicembru, 2003, li huwa meqjus bhala zmien ragonevoli, tenut kont ukoll tal-fatt li ghalkemm sar rikors mill-konvenuti sabiex jappellaw minn dan il-kap, sussegwentement iddecidew jirrinunzjaw ghal din il-fakolta`. Izda mbaghad twalet il-kawza sabiex jitressqu l-provi rigward id-danni, meta permezz ta' diversi rikorsi l-partijiet ressqu diversi talbiet sabiex jirregolaw il-provi taghhom. Dan apparti perjodu twil li joqrob is-sentejn, li ittiehed mill-partijiet sabiex jesploraw il-possibilta` ta'*

*transazzjoni. Ma gie riskontrat ebda nuqqas partikolari attribwibbli lill-konvenuti fil-kors tal-proceduri li jimmerita xi tip ta' sanzjoni fil-konfront taghhom kif jittanta jghid l-appellant.*

*Filwaqt li din il-Qorti tirreferi ghar-rassenja ta' gurisprudenza migbura mill-ewwel Qorti, izzid li konsistentement gie irritenut li fejn it-talba tal-azzjoni attrici tkun da liquidarsi, kif ukoll, l-ammont likwidat ma kienx wiehed facilment determinabbli, bhal fil-kawza odjerna, il-principju adoperat dejjem kien ta' in illiqudis non fit mora. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et., peress li l-principji enuncjati fir-rigward, ghandhom japplikaw ukoll fil-kaz odjern:*

*"F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall- konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet."*

*In tema ta' imghaxxijiet, jigi innotat li l-konvenuti appellati, kontestwalment mar-risposta taghhom ghamlu cedola ta' depositu li permezz taghha, fil-25 ta' Gunju, 2012, iddepozitaw kemm is-somma likwidata mill-ewwel Qorti, kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza in prim istanza u dan in adempiment ta' dak deciz mill-ewwel Qorti. Ghalhekk huwa ritenut li huma ghandhom ihallsu biss lill-appellant is-somma ta' €538.72, rapprezentanti l-imghaxxijiet li lahqu iddekorrew bejn id-data tas-sentenza, meta kienu determinati d-danni dovuti lill-attrici, u d-data li saret l-imsemmija cedola ta' depozitu.*

*Jonqos li jigi trattat it-tielet aggravju tal-appellant nomine, senjatament dak fejn jinghad li ma hemmx qbil mal-likwidazzjoni mwettqa mill-ewwel Qorti rigward ir-riparazzjoni u rientegrazzjoni fl-appartament li kellha, peress li jinghad li l-ewwel Qorti strahet fuq il-valutazzjoni maghmula mill-perit tekniku taghha u b'zieda maghha applikat l-indici tal-gholi tal-hajja sena b'sena bejn meta saret l-istima tal-perit tal-Qorti u s-sena ta' meta saret l-likwidazzjoni. L-appellant jishaq li saret il-prova permezz tal-perit ex parte li fil-kostruzzjoni l-inflazzjoni tal-prezzijiet kienet b'rata ta' 15% fis-sena, apparti li l-Qorti kellha stima aktar recenti disponibbli ghaliha li giet skartata.*

*Wara li hasbet fit-tul fuq dan l-aggravju u wara li qieset il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula mill-ewwel Qorti, kemm f'dak li ghandu x'jaqsam mal-istima adoperata a bazi tar-rapport tal-perit tekniku mahtur minnha, kif ukoll ghall-provvediment li ghamlet bis-sahha tal-indici tal-inflazzjoni ghat-trapass taz-zmien bejn meta saret l-istima tal-perit tal-Qorti u dakinhar li nghatat is-sentenza, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak l-ezercizzju mwettaq minn dik il-Qorti. Kif pacifikament ritenut, din il-Qorti qajla tiddisturba l-valutazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti tkun manifestament zbaljata. Il-Qorti bhal dik ta' qabilha ma tara ebda raguni l-ghala m'ghandhiex tadotta l-istima li ghamel il-perit tekniku mahtur minnha li, ikkonsidrat li huwa ta' natura teknika u ghalhekk huwa meqjus " z ' ", m'ghandux jigi skartat sakemm mhux kontrastat bi provi konkreti jew sottomissjonijiet li jinnewtralizzawhom bhala mhux attendibbli u kredibbli. (Ara fir-rigward is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Dicembru, 2002, fil-kawza fl-ismijiet Louis Gauci v. Angela Attard u s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Philip Grima v. Carmelo Mamo et.)*

*Ghandu jinghad ukoll li l-ewwel Qorti adottat ukoll din il-linja wara li ghamlet konsiderazzjonijiet xierqa dwar ir-regola ta' restitutio in*

*integrum, kif ukoll sabiex tohloq bilanc bejn id-dritt ta' danneggjat li jigi ragonevolment imqieghed fil-posizzjoni li kien qabel sofra l-hsara u d-dmir tad-danneggjat li jaghmel dak kollu ragonevoli li jnaqqas il-hsara u jiehu l-mizuri ragonevoli mehtiega biex inaqqas it-telf li jkun garrab. Hekk per ezempju, fil-kaz ta' diversi pretensjonijiet tal-attrici, hija kellha mhux semplicement toqghod fuq stima wahda, li wara kollox tista tirrizulta pjuttost gholja, izda tara li tiehu prezz tax-xoghol li jkun good value for money, kif din il-Qorti tinsab certa jsir minn kull individwu li jkun ser jinkariga lil xi hadd sabiex iwettaq ix-xoghlijiet.*

*Huwa ritenut li permezz tas-sentenza appellata intlahaq il-bilanc mehtieg meta konsegwenza tat-telf li garrbet id-danneggjata din saret gustizzja maghha billi kien meqjus ghaqli li ssir id-demolizzjoni u bini mill-gdid tal-fond in kwistjoni sabiex titqieghed fl-istess posizzjoni qabel ma sehh l-akkadut. Ghandu jigi innotat ukoll li indubbjament hija kienet ser tibbenifika minn element ta' betterment, peress li minflok proprjeta` b'finishes li ghaddew 'il fuq minn tletin sena minn fuqhom, wara li jsir il- bini mil-gdid tal-appartament ser ikollha proprjeta` b'finishes moderni, li certament jaghtu valur akbar lill-proprjeta` taghha.*

*L-appellant nomine jilmenta wkoll mill-fatt li sabiex jinbena l-appartament tal-attrici jehtieg li l-ewwel jinbena l-ispazju ta' tahtu, proprjeta` tal-appellati, u ghalhekk kellha tkun inkluza din l-ispiza sabiex l-ispazju terran jinbena sabiex il-likwidazzjoni tkun gusta u hija tigi ripristinata fil-proprjeta` taghha u tkun kumpensata ghad-dannu soffert minnha. Fuq dan l-ahhar punt din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak espost mill-appellati fir-risposta taghhom, fis-sens li l-appellant ma jistax iressaq pretensjonijiet ta' kumpens ta' danni fuq proprjeta` li tappartjeni lilhom. Madankollu, tasal biex tifhem ukoll il-problema li ghandha l-attrici, fis-sens li d-demolizzjoni tal-fond u r-rikostruzzjoni tieghu jiddependi minn ftehim li jrid jintlahaq bejn id-diversi sidien tal-blokka milquta bid-danni konsegwenti ghan-nirien li hakmu l-garaxx tal-konvenuti; biss dan il-punt mhux il-mertu tal-kawza odjerna. Din il-*

*Qorti tawgura li fl-ahhar mill-ahhar ghandu jirrenja l-buon sens bejn il-partijiet kollha involuti peress li ghandu jkollhom interess komuni li l-proprjeta` tigi demolita u rikostruwita fl-iqsar zmien possibbli, sabiex igawdu jew jiddisponu mill-istess proprjeta` rispettiva taghhom.*

*Ghalhekk, lanqas dan it-tielet aggravju ma jirrizulta gustifikat.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur nomine billi, salv dak li ser jinghad, tichad l-istess u tordna li b'zieda ma' dak deciz mill-ewwel Qorti l-konvenuti ghandhom ihallsu wkoll lill-attrici s-somma ta' €538.72, rapprezentanti l-imghaxijiet li lahqu ddekorrew bejn id-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, u d-data li saret ic- cedola ta' depozitu mill-istess konvenuti.*

*Bl-ispejjez tal-prim istanza jibqghu kif ordnat l-ewwel Qorti, filwaqt li dawk mertu ta' dan l-appell jithallsu mill-appellant nomine.*

Sussegwenti ghal din id-decizjoni li ggib id-data tal-24 ta' Gunju, 2016, l-attur nomine ntavolat rikors guramentat odjern kwazi sena wara u cioe' nhar it-12 ta' Mejju, 2017.

**Qorti tat-tielet grad:**

Illi l-Avukat Generali eccepixxa li r-rikorrnet nomine qed jittenta juza din il-Qorti bhala Qorti tat-tielet grad. Din il-Qorti dwar dan il-punt taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nhar it-22 ta' Frar, 2013 fl-ismijiet **Carmel sive Charles Cutajar -vs- Avukat Generali et** fejn fi ftit kliem spjegat x'inhu l-irwol tal-Qorti Kostituzzjonali kif isegwi:

> 'Din il-Qorti tirriafferma l-principju li ma ghandhiex tigi kjamata sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qrati f'kompetenza ordinarja, u lanqas ghandha tissindika l-apprezzament ta' provi kif sar mill-qrati ordinarji, nkluz dik ezercitata mill-Qorti tal-Appell u dan

ghaliex ir-rimedju kostituzzjonali ma huwiex u ma ghandux jigi uzat bhala xi ghamla ta' appell tat-tielet grad li mhux permess fil-ligi taghna. F'din is-sede il-kompitu ta' l-Qorti huwa li taccerta ruhha li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tutelati mill-Konvenzjoni mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-qrati l-ohra sabiex tghid kienux decizi korrettament inkella le.'

Issir ukoll referenza ghal decizjoni kwotata mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet fl-ismijiet **St. Paul's Court Limited -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-20 ta' Dicembru, 2000 fejn fuq l-istess binarju jinghad kif isegwi:

'Din il-Qorti tqis dan l-appell ghal kollox insostenibbli u guridikament sospett proprju ghaliex dikjaratament jittanta jaghti lil din il-Qorti Kostituzjonali funzjoni ta' tribunal ta' kassazzjoni, Tribunal li fl-ordinament guridiku Malti ma hemmx loku u bl-ebda mod ma hu rikonuxxut. Inoltre l-appellant fl-aggravju tieghu jittanta jwessa' l-funzjonijiet ta' din il-Qorti bhala garanti tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu billi jissugerixxi illi hu kellha l-funzjoni li tikkoregi l-'izbalji' tal-qrati ordinarji u dana lil hinn minn dak il-parametri stretti li skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali ta' l-individwu u senjatament il-jedd ghal smigh xieraq. Hu car illi kieku din il-Qorti kellha tissokkombi ghat-tentazzjoni li kellha xi dritt jew funzjoni li tiddetermina jekk il-qrati ordinarji kinux segwew ir-regoli tal-procedura li jiggvernaw il-process u fejn dan jirrizulta ikun "ifisser mill-ewwel u awtomatikament li hemm lezjoni", tkun qed tarroga ghaliha nfisha funzjoni gurisdizzjonali li certament ma kellhiex. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti kienet

limitata biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni tal-jedd fundamentali kif allegat imma dan biss f'ricerka ta' jekk kienux jew le jirrizultaw l-elementi kostituttivi tal-lezjoni nfusha kif specifikati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea u kif interpretati fil-gurisprudenza in materja. Hu allura manifestament skorrett guridikament li jigi asserit illi kull vjolazzjoni tar-regoli tal-procedura, anke jekk ta' certa rilevanza, necessarjament kellha tirrizulta f'lezjoni tal-jedd fondamentali. Dan indubbjament mhux il-kaz.'

L-attur nomine jikkritika s-sentenzi moghtija mill-Prim'Awla u mill-Qorti tal-Appell u jghid fost affarijiet ohra:

(i) li d-danni li gew likwidati fis-sena 2016 saru fuq stima tal-2005. Fl-istess nifs, l-attur nomine jghid li giet applikata zieda skont l-indici tal-inflazzjoni bejn is-snin 2005 sal-2016 – ma' liema zieda l-attur nomine jghid li ma jaqbilx ghaliex skont hu mhiex wahda sufficjenti. Fil-mori tal-proceduri odjerni gewipprezentati rapporti ex-parte miz-zewg nahat, b'referenza specjali ssir ghal dawk ipprezentati mill-attur nomine a fol. 37 sa fol. 39 u a fol. 80 sa fol. 83. L-attur nomine jikkritika wkoll dik il-parti tad-decizjoni tal-appell fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell qieset li fl-atti l-attrici ma ressqitx bizzejjed provi sabiex tissustanjza l-pretensjoni taghha li soffriet danni ghar-raguni li l-appartament in kwistjoni ma setghax jigi mikri konsegwenti ghall-hruq.

Din il-Qorti hija konvinta li dawn l-ilmenti mqanqla mill-attur nomine jittrattaw unikament il-mertu tal-kaz u mhux xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li l-attrici Giovanna Lazzari verament tilfet l-uzu tal-appartament. Madanakollu in linea mal-massima legali applikata fis-sistema taghha ta' '*Onus probanti incubit ei qui dicit non ei qui negat*', kien

jinkombi fuq l-attur nomine li jipprova d-danni sofferti u finalment mid-decizjoni hawn fuq kwotata jirrizulta li dik l-Onorabbli Qorti ma kinitx sodisfatta mill-provi li tressqu u ghalhekk cahdet it-talba. L-attur nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u fit-trattazzjoni jargumenta li l-hsara fil-proprjeta' hija ovvja u tant iehor huwa ovvju t-telf li l-attur nomine garrab u ghalhekk ma kienx hemm x'jigi ppruvat. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument l' ghaliex minn iressaq il-kawza jrid jipprova d-danni minnu sofferti u l-Qorti timxi fuq dak li jkollha ppruvat u ma tistax taghmel kongetturi bhal ma donnu qieghed jistenna l-attur nomine mill-Qorti. Ma jistax l-attur f'dan l-istadju ghaliex gie dikjarat li naqas jipprova l-allegazzjonijiet tieghu ta' x'danni garrab sal-grad tal-probabbli rikjest minnu mil-Ligi jipprova jraqqa n-nuqqas tieghu billi jressaq talba b'allegat ksur tad-drittijiet tal-attrici sanciti taht l-Artikoli 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti taghmilha cara li m'hijiex kompetenti sabiex terga tidhol fil-mertu tal-lanjanzi mressqa originarjament fil-kawza bin-numru 1079/1999 u m'hiex ser timponi d-diskrezzjoni taghha fuq dik tal-Qrati b'kompetenza ordinarja u lanqas ser tintuza sabiex terga' tissindika l-apprezzament tal-provi maghmul minn dawk il-Qrati. Tinnota izda minn qari u ezami tal-atti kollha ta' dak il-kaz illi originarjament l-attrici Giovanna Lazzari fix-xiehda taghha ma kinitx indikat li hi kienet tikri jew kellha l-intenzjoni li tikri l-appartament in kwistjoni sakemm sehh il-hruq anzi f'dak l-istadju qalet li se mai kellha l-intenzjoni li tbieghu. Ivor Zammit ukoll originarjament semma li dan kien jintuza mill-familja ta' Lazzari ghax-xhur tas-Sajf u mkien ma semma' li kien hemm l-intenzjoni li dan jinkera. Fil-mori tas-smigh tal-kawza l-verzjonijiet bdew jinbdilu u konsegwentement snin wara l-attrici xehdet li wara d-divorzju taghha hija bdiet taghrbel l-intenzjoni li tikri. Dan izda kien meta l-appartament kien gia sofra l-hsarat. Mistoqsija diversi

drabi izda jekk applikatx ghal permess biex tikri la darba hija kienet barranija u kellha bzonn permess tal-awtoritajiet sabiex taghmel dan tghid li dan qatt ma ghamlitu minhabba l-istat li kien fih l-appartament. Dan il-permess seta' dejjem jintalab sabiex ikun hemm almenu bazi ghat-talba tal-attrici dwar l-uzu. Fl-atti jirrizulta wkoll li tressqu provi dwar il-valur tal-kirjiet tul iz-zmien li kieku dan inkera izda minn naha l-ohra ma tressqux provi dwar danni li l-attrici setghet soffriet ghaliex kellha tuza akkomodazzjoni alternattiva fil-frattemp. Kull ma ghamlet xehdet li hija kellha tigi diversi drabi Malta habba l-kawza izda ma tressqux provi dwar l-ispejjez taghha f'dan ir-rigward ghad ezempju sabiex thallset akkomodazzjoni alternattiva. Jirrizulta appuntu mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li dik il-Qorti ma kinitx sodisfatta b'dawk il-provi ghar-raguni li:

*'Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha. A bazi tal-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili u tal-principji hawn fuq enuncjati, din il-Qorti mhix sodisfatta li, fil-kaz odjern, it-talba attrici ghat- telf tal-uzu tal-appartament, konsistenti f'telf ta' kera hekk kif reklamati mill-attur nomine, hi sostnuta bil-provi. Qieghed jinghad hekk ghar-raguni li mill-provi jirrizulta inkontestat li fil-mument meta gara l-accident, l-appartament ma kienx qieghed jigi mikri, u lanqas ma kien effettivament qieghed jigi reklamat ghall-kiri, u dan kif jirrizulta b'mod car mix-xhieda in kontro-ezami ta' Giovanna Lazzari waqt is-seduta tat-2 ta' April, 2009. Dan apparti konsiderazzjoni rilevanti ohra, u cioe`, li fiz- zmien in kwistjoni, l-istess Lazzari tammetti li l-ligi ma kienitx tippermetti li sidien ta' proprjeta` li mhumiex residenti hawn Malta li jikru l-istess proprjeta`. Lanqas ma jirrizulta li l-imsemmija Lazzari, minhabba d- distruzzjoni tal-appartament taghha, kellha tikri xi proprjeta` hawn Malta biex ikollha fejn toqghod. Meta din il-Qorti tikkonsidra dawn il-fatturi, ma tarax possibli li wiehed isostni b'success l-pretensjoni ta' telf ta' qliegh derivanti minn kera, ladarba t-telf ta'*

*qliegh pretiz la kien effettiv u lanqas ma kien telf ta' qliegh attwali.'*

Dik l-Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet suesposti abbazi tal-provi fl-atti u din il-Qorti terga' tenfasizza li mhux kompitu ta' din il-Qorti li terga tevalwa dawk il-provi sabiex tasal ghall-konkluzjoni ser mai aktar favorevoli ghar-rikorrenti.

L-istess jista jinghad dwar l-ilment li l-Qorti precedenti ghamlet il-kalkoli taghha fuq stima li nhadmet fis-sena 2005 u maghha l-ilment li l-attrici minn fuq lanqas inghatat imghax fuq l-ammont pendenti l-kawza. Jirrizulta fil-fatt mill-atti li ghalkemm verament l-Ewwel Onorabbli Qorti kif konsegwentement konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ghazlet li tistrieh fuq ir-rapport peritali tal-perit nominat mill-Qorti li sar fis-sena 2005 jirrizulta izda li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ezercizzju intensiv fejn imxiet sena b'sena u gholliet il-valur hekk kif dikjarat mill-Perit skont l-indici tal-inflazzjoni b'dana li d-danni likwidati finalment mill-Qorti kienu fis-somma ta' €58,521.38 fejn originarjament il-Perit kien ta stima fis-sena 2005 ta' €44,510.81. Dik il-Qorti ghalhekk mhux talli ma mxietx mal-istima tas-sena 2005 anzi hadet kont tat-trappas tas-snin u ghalhekk ziedet is-somma ta' €14,010.57 mal-istess fid-diskrezzjoni taghha skont il-ligi. Dak li qed titlob l-attrici nomine minn din il-Qorti huwa li terga tirrevedi dan l-apprezzament tal-provi u dan l-ezercizzju li sar minn dik l-Onorabbli Qorti kif konfermat fl-Appell li jirrizulta ghalhekk li l-attrici qed terga tappella minn dawk il-konkluzjonijiet u dan huwa legalment inaccettabbli. Il-Qorti Kostituzzjonali m' ghandhiex il-kompitu fil-ligi li tagixxi ta' sede tat-terz appell u l-ilment tal-attrici ma jikwalifikax certament fi ksur ta' xi dritt fundamentali taghha taht l-artikoli msemmija minnha fir-rikors guramentat.

L-awturi **Jacobs, White & Ovey** spiss citati mill-Qrati nostrani fil-ktieb taghhom **The European Convention on Human Rights**

jsostnu illi:

> 'The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6'.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi dak rikjest mill-attur nomine jmur lil hinn minn dak li jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Dan premess, l-attur nomine jikkritika wkoll il-proceduri precedenti ghaliex skont l-attrici l-Qorti ma tatx piz il-fatt li l-attrici tiddependi fuq il-buona volonta tas-sidien tal-fond fil-pjan terran sabiex hija tkun tista tibni mill-gdid il-fond taghha. Din il-Qorti rat it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni originali fl-atti tal-kawza 1079/1999 u taqbel perfettament mar-ragunament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li dik il-konsiderazzjoni ma kinitx tifforma parti mit-talbiet tal-attrici nomine. Tirrileva in oltre li ghalhekk kienu korretti l-intimati fejn fil-kontro-ezamijiet insistew li jistaqsu jekk qattx l-intimati gewx interpellati legalment sabiex jipprocedu bix-

xogholijiet u jirrizulta mill-atti li ghalkemm verament fis-sena 2000 intbaghat protest gudizzjarji dan ma giex segwit b'kawza b'talba specifika. Minn dan kollu jirrizulta li se mai n-nuqqas gie minn naha tal-istess attrici li ma talbitx rimedju wkoll da parti tal-intimati sabiex hi tkun tista' tibda bix-xogholjiet izda dan kollu jmur ben oltre l-mertu tac-citazzjoni originali mressqa mill-istess attrici meta wiehed jaghrbel it-talbiet attrici. Certament ukoll dan kollu ma jikkwalifikax ghal xi ksur tad-drittijiet fundamentali kif pretiz mir-rikorrrenti fir-rikors odjern.

Illi kwantu ghall-ilment tal-attrici nomine kif relatat mal-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ghalkemm huwa minnu li fil-Prim Istanza dik il-Qorti ddecidiet erronjament li t-talbiet attrici ma kienux jinkludu talba ghal danni ghal dak li hu 'loss of use', minn naha l-ohra l-Qorti tal-Appell varjat dik il-parti tad-decizjoni u anzi ddecidiet car u tond li l-artikolu 1045 kienu jinkludi dik it-talba tant li dahlet fid-dettal dwar dan:

*'Dan qieghed jinghad a bazi tad-disposizjoni tal-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, li jipprovdi ghal danni effettivi (jew reali) li jistghu jitqiesu f'kawzi dwar hsara direttament naxxenti minn delitt jew kwazi-delitt, senjatament: (a) l-ispejjez li parti setghet ghamlet minhabba l-hsara; (b) it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali; u (c) telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib. Ghalhekk huwa meqjus li telf ta' kera jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' telf ta' qliegh, u dan it-telf huwa involut fit-talbiet attrici kif minnha maghmula fic-citazzjoni relattiva ghal din il-kawza.'*

Jirrizulta ghalhekk li fil-fatt l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat li l-attrici kellha kull jedd taht dan l-artkolu tal-ligi li tippretendi l-likwidazzjoni tad-danni anki ghal dak li hu telf ta' uzu izda l-istess Qorti ma kinitx sodisfatta bil-provi li tressqu quddiemha u kien ghalhekk li cahdet dik il-parti tat-talba. Din il-Qorti wkoll ma

taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-attrici li l-Qorti pretendiet minnha xi prova mpossibbli ghaliex issostni li skont hi l-Qorti tal-Appell ppretendiet li titressaq prova li kien hemm xi persuna li kienet disposta tikri l-appartament meta dan kien jinsab fl-istat hazin li kien. Jirrizulta lil din il-Qorti li dan imkien ma talbitu l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha. Jirrizulta anzi fl-atti li l-attrici thalliet liberament tressaq il-prova dwar il-valur tal-kera tal-appartament tul is-snin u dan fl-istadju tal-Prim Istanza. Jirrizulta izda li l-Onorabbli Qorti tal-Appell sempliciment qieset li in vista tac-cirkustanzi kif imressqa quddiemha l-istess Qorti ma kinitx sodisfatta li verament kien hemm l-intenzjoni li l-appartament jinkera tant li anki legalment l-attrici dan ma setghetx taghmlu. Fi kwalunwke kaz dan ukoll huwa lment dwar l-apprezzament tal-provi u ma jikkwalifikax bhala xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attrici kif dedott fir-rikors guramentat.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Issa, fir-rigward ta' dewmien fil-proceduri, jirrizulta mill-atti li l-kawza bin-numru 1079/1999 bdiet fis-sena 1999 u spiccat finalment deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sena 2016. Din il-Qorti fliet pagna pagna l-process kollu li dam sbatax (17) il-sena u ser taghmel riepilogu ta' x'gara tul il-process kollu, partikolarment fis-seduti:

1. **12 ta' Mejju, 1999** – Giet intavolata l-kawza bic-citazzjoni numru: 1079/99 quddiem l-Imhallef Raymond C. Pace appuntata ghas-smigh ghat-3 ta' Novembru, 1999 (a fol. 1 sa fol. 5 tal-process 1079/99);

2. **3 ta' Novembru, 1999** – Fid-data tal-ewwel appuntament fil-kawza giet differita sabiex tigi presjeduta mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo. Il-kawza giet differita sabiex il-partijiet jistradaw il-kawza (verbal a fol. 11 tal-process

1079/99);

3. **6 ta' Gunju, 2000** – L-attur nomine nghata zmien sabiex iressaq ix-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavit. Il-kawza giet differita sabiex jitressqu x-xhieda taz-zewg partijiet u ghall-kontro-ezamijiet. Kawza giet differita ghat-8 ta' Gunju, 2001 (verbal a fol. 12 tal-process 1079/99GCD);

4. **4 ta' Awwissu, 2000** – Il-konvenuti pprezentaw rikors sabiex il-kawza odjerna tigi appuntata quddiem l-Imhallef Geoffrey Valencia stante li l-kawza 1724/99GV (prezentata mis-sidien tal-appartament ta' fuq kontra l-istess intimate) kienet fuq l-istess mertu (a fol. 15 tal-process 1079/99GCD);

5. **10 ta' Awwissu, 2000** – Digriet fejn gew mistiedna sabiex t-talba ssir fl-atti l-ohra (a fol. 16 tal-process 1079/99GCD);

6. **22 ta' Novembru, 2000** – Il-gawza giet appuntata quddiem l-Imhallef Geoffrey Valencia u giet differita ghat-12 ta' Frar, 2001 sabiex timxi mal-kawza l-ohra 1724/99GV (verbal a fol. 65 tal-process 1079/99GV);

7. **12 ta' Frar, 2001** – Xehdu Hugh Caruana, Manwel Micallef, Giovanna Lazzori u Christopher Agius (verbal a fol. 76 tal-process 1079/99GV);

8. **27 ta' April, 2001** – L-avukat tal-atturi talab differiment. Kawza tibqa differita ghall-provi tal-konvenuti stante li f'dak l-istadju kienu qed jingabru l-provi dwar ir-responsabilita' (verbal a fol. 77 tal-process 1079/99GV);

9. **3 ta' Ottubru, 2001** – Xehed il-Professur Alfred Vella prodott mill-konvenut. Kawza differita ghall-kontinwazzjoni u kontro-ezami tal-Prof. Alfred Vella (verbal a fol. 78 tal-process 1079/99GV);

10.**26 ta' Novembru, 2001** – Ma sar xejn fil-kawza stante l-problema sabiex jitla l-Prof Vella ghall-kontro-ezami. Tibqa differita ghall-kontro-ezami tal-Prof. Alfred Vella (verbal a fol. 92 tal-process 1079/99GV);

11.**8 ta' Frar, 2002** – Fil-kawza ma sar xejn ghall-istess raguni relatata mal-Prof Vella. Kawza baqghet ghall-fini tal-verbal precedenti (verbal a fol. 95 tal-process 1079/99GV);

12.**8 ta' April, 2002** – Fil-kawza ma sar xejn ghall-istess raguni relatata mal-Prof Vella. Il-kawza baqghet differita sabiex isir il-kontro-ezami tal-Prof. Alfred Vella (verbal a fol. 96 tal-process 1079/99GV);

13.**10 ta' Gunju, 2002** – Xehed il-Prof. Alfred Vella. Il-kawza baqghet differita sabiex il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu (verbal a fol. 97 tal-process 1079/99GV);

14.**23 ta' Ottubru, 2002** – L-avukat tal-konvenuti ddikjara li m'ghandux aktar provi. Kawza differita ghat-trattazzjoni finali (verbal a fol. 106 tal-process 1079/99GV);

15.**16 ta' Dicembru, 2002** – L-avukat tal-atturi flok ghamelt trattazzjoni dak inhar informa lill-Qorti li dakinhar stess kien sejjer jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. In vista ta' dan il-kawza giet differita sabiex tigi pprezentata n-nota risponsiva tal-konvenuti (verbal a fol. 107 tal-process 1079/99GV);

16.**17 ta' Frar, 2003** – Il-kawza kellha terga tigi differita stante li l-konvenuti naqsu milli jiprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (verbal a fol. 114 tal-process 1079/99GV);

17.**4 ta' April, 2003** –Kawza kellha terga tigi differita stante li

kien jonqos is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-konvenuti u finali trattazzjoni (verbal a fol. 115 tal-process 1079/99GV);

18. **28 ta' Mejju, 2003** – In-nota ta' sottomissjonijiet giet pprezentata fil-mori. Kawza baqghet differita ghas-sentenza (verbal a fol. 119 tal-process 1079/99GV);

19. **13 ta' Ottubru, 2003** – Ma nghatatx is-sentenza u l-kawza regghet giet differita ghas-sentenza (verbal a fol. 132 tal-process 1079/99GV);

20. **15 ta' Dicembru, 2003** – Il-kawza giet deciza in parte. Baqghet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-11 ta' Frar, 2004 (verbal a fol. 133 tal-process 1079/99GV);

21. **19 ta' Dicembru, 2004** – Rikors mill-konvenuti sabiex jappellaw mis-sentenza parzjali f'dak l-istadju (a fol. 142 tal-process 1079/99GV);

22. **5 ta' Jannar, 2004** – Il-Qorti tat digriet fejn irrikjamat il-kawza ghas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2004 (a fol. 143 tal-process 1079/99GV);

23. **12 ta' Jannar, 2004** – Il-kawza baqghet differita ghan-notifika tar-rikors (verbal a fol. 145 tal-process 1079/99GV);

24. **26 ta' Jannar, 2004** – Il-konvenuti rtiraw it-talba sabiex jappellaw mis-sentenza parzjali f'dak l-istadju tal-kawza. Gie appuntat il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti. Kawza tibqa differita ghar-relazzjoni tal-Perit Tekniku (verbal a fol. 147 tal-process 1079/99GV);

25. **30 ta' Gunju, 2004** – Ma seta jsir xejn fil-kawza stante li l-provi kienu qed jingabru quddiem il-Perit Tekniku fil-frattemp. Il-kawza baqghet differita ghar-relazzjoni (verbal

a fol. 148 tal-process 1079/99GV);

26. **10 ta' Novembru, 2004** –Kawza baqghet differita tistenna r-relazzjoni tal-perit li fil-frattemp kien qed jigbor il-provi dwar id-danni (verbal a fol. 149 tal-process 1079/99GV);

27. **1 ta' Frar, 2005** – Kawza baqghet differita tistenna r-relazzjoni tal-perit li fil-frattemp kien qed jigbor il-provi dwar id-danni (verbal a fol. 150 tal-process 1079/99GV);

28. **25 ta' April, 2005** – Kawza baqghet differita tistenna r-relazzjoni tal-perit li fil-frattemp kien qed jigbor il-provi dwar id-danni (verbal a fol. 151 tal-process 1079/99GV);

29. **24 ta' Gunju, 2005** – Fil-kawza deher l-Perit Joseph Ellul Vincenti fejn il-partijiet qablu li l-Perit ghandu wkoll jzomm access iehor. Kawza differita ghar-relazzjoni (verbal a fol. 154 tal-process 1079/99GV);

30. **28 ta' Ottubru, 2005** - Jirrizulta li sa dan il-mument il-Perit kien espleta l-inkarigu tieghu u ghalhekk il-kawza baqghet differita ghal-hlas tar-rapport (verbal a fol. 155 tal-process 1079/99GV);

31. **16 ta' Novembru, 2005** – Gie mahluf ir-rapport dettaljatissimu ta' oltre mitt pagna da parti tal-Perit Tekniku. Il-kawza baqghet differita ghall-eskussjoni tal-perit (verbal a fol. 156 tal-process 1079/99GV). Fil-mori dahal rikors ghan-nomina ta' Periti perizjuri da parti tal-attur li izda gie michud mill-Qorti.

32. **9 ta' Jannar, 2006** – Dehru l-partijiet u xehed in eskussjoni il-Perit Joseph Ellul Vincenti. Kawza giet differita (verbal a fol. 268 u fol. 269 tal-process 1079/99GV);

33. **13 ta' Frar, 2006** – Deher l-avukat tal-attur nomine fejn informa lill-Qorti li hu flimkien ma' l-avukat tal-konvenuti qed jitolbu differiment peress li qed jesploraw il-possibilita' ta' transazzjoni (verbal a fol. 271 tal-process 1079/99GV);

34. **8 ta' Marzu, 2006** – Fuq talba tal-partijiet il-kawza giet differita ghall-probabbli transazzjoni (verbal a fol. 272 tal-process 1079/99GV);

35. **19 ta' April, 2006** – Rikors intavolat mill-attur nomine sabiex jigi akkordat differiment peress li l-avukat tieghu ser ikun l-esteru (a fol. 273 tal-process 1079/99GV);

36. **28 ta' April, 2006** – Kawza differita fuq talba tal-avukat tal-attur nomine (verbal a fol. 274 tal-process 1079/99GV);

37. **28 ta' Gunju, 2006** – Fuq talba tal-partijiet il-kawza giet differita ghall-probabbli transazzjoni (verbal a fol. 275 tal-process 1079/99GV);

38. **24 ta' Novembru, 2006** – Fuq talba tal-partijiet il-kawza baqghet differita ghall-informazzzjoni dwar il-probabbli transazzjoni (verbal a fol. 276 tal-process 1079/99GV);

39. **26 ta' Jannar, 2007** – Deher l-avukat tal-attur nomine fejn rega' talab differiment stante probabbli transazzjoni (verbal a fol. 277 tal-process 1079/99GV);

40. **27 ta' April, 2007** –Il-kawza baqghet differita ghall-probabbli transazzjoni (verbal a fol. 278 tal-process 1079/99GV);

41. **27 ta' Gunju, 2007** – Il-kawza baqghet differita ghall-probabbli transazzjoni (verbal a fol. 279 tal-process 1079/99GV);

42. **3 ta' Ottubru, 2007** – Kawza giet differita ghall-ahhar darba fuq ordni tal-Qorti ghall-probabbli transazzjoni bl-intendiment li fis-seduta li jmiss jinghata digriet ghall-kontinwazzjoni tal-provi (verbal a fol. 280 tal-process 1079/99GV);

43. **16 ta' Ottubru, 2007** – Rikors intavolat mill-attur nomine sabiex jixdhu quddiem il-Qorti l-Perit Tekniku, l-Avukat Dr Jos A. Schembri u l-Avukat Stephen Muscat (a fol. 281 sa fol. 283 tal-process 1079/99GV);

44. **26 ta' Novembru, 2007** – L-avukat tal-konvenuti gie notifikat bir-rikors ntavolat fit-16 ta' Ottubru, 2007. Kawza baqghet differita ghar-risposta (verbal a fol. 286 tal-process 1079/99GV);

45. **3 ta' Dicembru, 2007** – Kawza giet differita ghall-provvediment dwar ir-rikors tal-istess attur tas-16 ta' Ottubru, 2007 (verbal a fol. 293 tal-process 1079/99GV);

46. **30 ta' Jannar, 2008** – Inghata digriet. Kawza baqghet jekk ikun il-kaz ghall-hatra ta' periti addizzjonali (verbal a fol. 294 tal-process 1079/99GV);

47. **1 ta' Frar, 2008** – Rikors intavolat mill-atturi sabiex jappellaw mid-digriet (a fol. 295 tal-process 1079/99GV);

48. **5 ta' Marzu, 2008** –Il-kaz gie differit phall-provvediment dwar ir-rikors intavolat mill-atturi (verbal a fol. 298 tal-process 1079/99GV);

49. **28 ta' Marzu, 2008** – Inghata digriet. (verbal a fol. 299 tal-process 1079/99GV);

50. **2 ta' Mejju, 2008** – Il-Qorti awtorizzat lill-konvenuti sabiex

jappellaw minn digriet (verbal a fol. 304 u fol. 305 tal-process 1079/99GV);

51.**4 ta' Gunju, 2008** – Ghalkemm deheru l-avukati tal-partijiet ma tressqux provi u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni (verbal a fol. 311 tal-process1079/99GV);

52.**6 ta' Ottubru, 2008** – Fil-mori l-attur rega' beda jressaq il-provi permezz tal-affidavit. Waqt is-seduta l-attur ressaq bosta provi viva voce. Kawza baqghet differita ghall-kontro-ezami (verbal a fol. 320 u fol. 321 tal-process 1079/99GV);

53.**1 ta' Dicembru, 2008** – Xehed estensivament l-attur nomine. Kawza differita ghall-kontinwazzjoni (verbal a fol. 390 tal-process 1079/99GV);

54.**6 ta' Frar, 2009** – Kawza giet differita sabiex tinstema minn Qorti diversament presjeduta ghal hdax-il jum wara(verbal a fol. 391 tal-process 1079/99GV);

55.**6 ta' Frar, 2009** – Rikors intavolat mill-attur nomine fejn intalab differiment ghas-seduta tas-17 ta' Frar, 2009 (a fol. 392 tal-process 1079/99GV);

56.**17 ta' Frar, 2009** – Kawza giet differita fuq talba tal-atturi nomine (verbal a fol. 394 tal-process 1079/99JZM);

57.**30 ta' Marzu, 2009** – Rikors sabiex isir l-isfilz ta' xhieda (a fol. 413 sa fol. 414 tal-process 1079/99JZM);

58.**2 ta' April, 2009** – Xehdu diversi persuni in kontro-ezami. Kawza differita ghall-kontinwazzjoni (verbal a fol. 397 u fol. 398 tal-process 1079/99JZM) L-attur talab li jigi awtorizzat iressaq xhieda ulterjuri. Fil-mori gew prezentati rikors u risposta.

59.**9 ta' Gunju, 2009** – Inghata digriet. Kawza differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom dwar l-istess digriet(verbal a fol. 418 tal-process 1079/99JZM). Fil-mori regghu gew intavolati rikors u noti u anki provi ulterjuri da parti tal-attur;

60.**12 ta' Ottubru, 2009** – Ghalkemm il-partijiet ddikjaraw li harrku xi xhieda dawn ma deherux. Fl-atti ma rrizultatx tahrika ta' xhieda ghal dak il-jum(verbal a fol. 431 tal-process 1079/99JZM);

61.**26 ta' Novembru, 2009** – Kawza giet differita minhabba impenji gudizzjarji tal-Imhallef sedenti (digriet a fol. 434 tal-process 1079/99JZM);

62.**13 ta' Jannar, 2010** – Xehedu estensivament in kontro-ezami l-Perit Anton Valentino u William Vella (verbal a fol. 442 u fol. 443 tal-process 1079/99JZM);

63.**1 ta' Frar, 2010** – Tressqu provi da parti tal-intimati u inghataw termini ghal prezentata ta' rapport ex parte mill-intimati (verbal a fol. 459 tal-process 1079/99JZM) Kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom dwar it-trattazzjoni finali. Fil-mori gew esebiti diversi dokumenti mill-intimati;

64.**30 ta' Marzu, 2010** – Rega tressaq jixhed il-Perit Italo Raniolo u l-atturi talbu zmien biex jaraw ir-relazzjoni tieghu u l-attur irriserva wkoll li jaghmel talbiet ultjeruri sabiex jirribatti(verbal a fol. 492 u fol. 493 tal-process 1079/99JZM);

65. **11 ta' Mejju, 2010** – Tresqu talbiet mill-attur nomine sabiex jitressqu minnu xhieda ulterjuri li giet michuda u l-attur talab li jaghmel il-kontro ezami tal-Perit Italo Raniolo

(verbal a fol. 503 u fol. 503 tal-process 1079/99JZM);

66.**24 ta' Gunju, 2010** – Xehed estensivament in kontro-ezami l-Perit Italo Raniolo (verbal a fol. 505 sa fol. 506 tal-process 1079/99JZM);

67.**4 ta' Ottubru, 2010** – Kompla jixhed estensivament in kontro-ezami l-Perit Italo Raniolo (verbal a fol. 524 tal-process 1079/99JZM). Il-partijiet ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu. Fis-7 ta' Jannar giet esebita n-nota ta' sottomissjonijit tal-atturi;

68.**10 ta' Jannar, 2011** – Kawza giet differita ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (verbal a fol. 546 tal-process 1079/99JZM);

69.**22 ta' Frar, 2011** – Kawza differita ghat-trattazzjoni finali (verbal a fol. 547 tal-process 1079/99JZM);

70.**2 ta' Mejju, 2011** – Saru s-sottomissjonijiet orali. Kawza differita ghas-sentenza (verbal a fol. 564 tal-process 1079/99JZM) ghat-12 ta' Dicembru 2011;

71.**12 ta' Dicembru, 2011** – Il-Qorti hija sprovvista mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011;

72.**31 ta' Jannar, 2012** – Kawza differita minhabba indisposizzjoni tal-Imhallef sedenti (verbal a fol. 576 tal-process 1079/99jzm);

73.**10 ta' Mejju, 2012** – Qorti htiegilha aktar zmien sabiex taghti s-sentenza. Differita ghas-sentenza (verbal a fol. 577 tal-process 1079/99JZM);

74.**14 ta' Mejju, 2012** – Inghatat is-sentenza (verbal a fol. 578 tal-process 1079/99JZM);

75. **1 ta' Gunju, 2012** – Sentenza giet appellata mill-attur nomine (ara rikors tal-appell a fol. 2 sa fol. 7 tal-process 1079/99/1);

76. **15 ta' Marzu, 2016** – L-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-appell (verbal a fol. 21 tal-process 1079/99/1);

77. **3 ta' Mejju, 2016** – Saru t-trattazzjonijiet tal-appell (verbal a fol. 22 tal-process 1079/99/1);

78. **24 ta' Gunju, 2016** – Inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell (verbal a fol. 23 tal-process 1079/99/1).

Illi jirrizulta minn dak suespost li ghalkemm il-kawza fil-Prim Istanza kienet fi zminijiet diversi presjeduta minn erba' Imhalfin l-Qorti rat li dan il-bdil fl-Imhallfin ma rrekax xi dewmien esagerat anzi d-dewmien seta' kien biss ta' ftit gimghat f'kaz minnhom rrizulta li l-kawza giet riappuntata fi hdax-il gurnata. Ukoll bidla minnhom jirrizulta li kienet fuq talba tal-partijiet stess.

Jirrizulta wkoll li bejn il-perijodu tat-13 ta' Frar, 2006 sat-3 ta' Ottubru, 2007 il-kawza kienet qed tigi differita stante li kien hemm il-possibilita' li jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet. L-avukat tal-attur kien partecipi f'din id-decizjoni u dana kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti stante li f'uhud minnhom kien l-avukat stess tal-attur nomine li talab id-differiment;

Jirrizulta wkoll li fil-perijodu bejn 30 ta' Gunju, 2004 u s-16 ta' Novembru, 2005 il-provi kienu qed jinstemghu mill-Perit Tekniku nominat mill-Qorti u ghalhekk il-Qorti setghet biss tistenna li dawn jinghalqu u l-Perit ilesti r-rapport tieghu li finalment irrizulta f'rapport estensiv ta' oltre mitt pagna.

Kien hemm ukoll istanzi, mill-anqas tlieta, fejn id-differiment ntalab mill-avukat tal-attur nomine;

Jirrizulta li kien hemm biss zewg (2) seduti li gew differiti peress li l-Imhallef sedenti kien indispost.

Fil-bqija jirrizulta lil din il-Qorti li f'bosta mis-seduti tressqu diversi xhieda u dan b'mod estensiv hafna minnhom xhieda teknici stante li kienu jew xhieda esperti jew periti teknici. Kien hemm ukoll hafna dewmien stante l-insistenza da parti tal-atturi nomine li ghal darba tnejn u aktar jitlob li l-istadju tal-provi tieghu jerga jinfetah u jithalla jressaq xhieda ulterjuri. Il-partijiet ukoll hadu hafna zmien sabiex ipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom nonostante l-insistenza tal-Qorti partikolarment fir-rigward tal-ewwel decizjoni dwar ir-responsabbilta.

Id-decizjoni tal-Ewwel Qorti nghatat f'anqas minn sena minn meta giet differita ghad-decizjoni.

Ghalkemm l-appell intavolat nhar l-1 ta' Gunju, 2012 giet deciz nhar l-24 ta' Gunju, 2016 jirrizulta li fil-frattemp wara d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti l-intimati procedew sabiex jiddepositaw a favur l-attrici l-ammont kif hekk likwidat mill-ewwel Qorti. Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha provdiet ukoll sabiex isir il-hlas tal-imghaxijiet fuq l-ammont kif likwidat u konfermat minnha wkoll ghall-perjodu kollu li l-kaz dam pendenti quddiem l-Appell. Il-Qorti f'dan l-istadju tghid ukoll li dan igib ukoll fix-xejn l-ilment tal-attur nomine dwar in-nuqqas ta' hlas ta' imghaxijiet fir-rigward tal-istadju tal-appell filwaqt li l-istadju tal-prim istanza kien kompensat permezz taz-zieda fil-kumpens skont l-indici tal-inflazzjoni kif gia accennat aktar il' fuq.

Issa skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li wkoll tirrifletti dik tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom **Sydney Ellul Sullivan -vs- Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-28 ta' Jannar, 2013 jinghad li sabiex jigi stabbilit il-quantum jew il-qies tad-dewmien

fil-proceduri, il-Qorti trid tieghu kont ta' tlett (3) konsiderazzjonijiet, u cioe':

i. il-komplessita' tal-kaz;

ii. l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment; u

iii. is-sehem tal-awtoritajiet koncernati fid-dewmien.

Kif rilevat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Zakkarija Calleja -vs- L-Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-15 ta' Dicembru, 2015 illi:

> '16. In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali (Vide **Frydlender v. France** GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII.)'

Hekk inghad ukoll mill-Qorti Ewropea illi:

> 'As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular,

> **Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission**, paragraph 181 and the case-law cited).
>
> "…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, **Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission**, paragraph 182 and the case-law cited) (Grand Chamber, **Kendrion NV v. European Commission**, 26/11/2013, C-50/12P para 96).'

Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragonevoli' uzata fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Brincat -vs- Avukat Generali** deciza nhar is-26 ta' Frar, 1996 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad illi:

> 'It-terminu "zmien ragonevoli" ghandu jitqies minn kaz ghal kaz, u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-fattispecje ta' kull kaz individwali. Fil-konsiderazzjoni ta' x'inhuwa zmien ragonevoli jridu jigu bbilancjati l-interessi tal-gustizzja ma' dawk ta' l-individwu. Fil-kaz prezenti bl-ebda mod ma seta' jinghad li l-kaz tar-rikorrenti ma kienx gie mismugh fi zmien ragonevoli.'

**Kumpens**

Ghal dak li jirrigwarda kumpens, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet fil-kawza **John A. Said pro et noe -vs- Avukat Generali** deciza

nhar il-11 ta' Novembru, 2011 illi:

> '[m]adankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili.'

Il-Qorti Ewropea fil-kawza **Pizzatti -vs- Italy** (ECHR 62361/00, dec 10.11.2004) tat indikazzjoniijiet specifici ta' kif ghandhom ikunu l-likwidazzjoni ekwa ghad-danni sofferti kagun ta' dewmien esagerat fi proceduri gudizzjarji. Spjegat li gie ritenut illi s-somma ta' bejn €1,000 u €1,500 ghal kull sena li damu ghaddejjin il-proceduri, minn meta gew intavolati sal-gurnata li gew rizolti b'sentenza finali bhala l-figura bazi ghall-kalkolu rilevanti. Hekk inghad mill-Qorti Ewropea fil-kawza citata:

> '26. As regards an equitable assessment of the non-pecuniary damage sustained as a result of the length of proceedings, the Court considers that a sum varying between EUR 1,000 and 1,500 per year's duration of the proceedings (and not per year's delay) is a base figure for the relevant calculation. The outcome of the domestic proceedings (whether the applicant loses, wins or ultimately reaches a friendly settlement) is immaterial to the non-pecuniary damage sustained on account of the length of the proceedings.
>
> The aggregate amount will be increased by EUR 2,000 if the stakes involved in the dispute are considerable, such as in cases concerning labour law, civil status and capacity, pensions, or particularly serious proceedings relating to a person's health or life.

The basic award will be reduced in accordance with the number of courts dealing with the case throughout the duration of the proceedings, the conduct of the applicant – particularly the number of months or years due to unjustified adjournments for which the applicant is responsible – to the stakes involved in the dispute – for example where the financial stakes are of little importance for the applicant – and on the basis of the standard of living in the country concerned. A reduction may also be envisaged where the applicant has been only briefly involved in the proceedings, having continued them in his or her capacity as heir.

The amount may also be reduced where the applicant has already obtained a finding of a violation in domestic proceedings and a sum of money by using a domestic remedy. Apart from the fact that the existence of a domestic remedy is in full keeping with the subsidiarity principle embodied in the Convention, such a remedy is closer and more accessible than an application to the Court, is faster, and is processed in the applicant's own language; it thus offers advantages that need to be taken into consideration.'

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Victor u Ersilia konjugi Buttigieg -vs- L-Avukat Generali** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza nhar it-13 ta' Lulju, 2017 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Jannar, 2018 fejn fir-rigward tal-kwantifikazzjoni ntqal is-segwenti:

'Applikati dawn il-principji, is-somma bazika li ghaliha huma ntitolati r-rikorrenti bhala kumpens ghal-lezjoni sofferta minnhom, hija ta' wiehed u ghoxrin elf ewro

(€21,000). Dan l-ammont irid pero jitnaqqas sabiex jirrifletti:-

1.Il-fatt illi l-kawza giet trattata minn zewgt iqrati

2.Il-fatt li kien hemm numru ta' seduti fejn ma sar xejn kagun esklussivament jew parzjalment tar-rikorrenti

3.il-livell ta' ghejxien tal-pajjiz.

Ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-kumpens dovut lir-rikorrenti huwa ta' disat'elef Ewro (€9,000).'

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti f'dan ir-rigward taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali intimat dwar dan il-punt. Mill-atti l-Qorti ma ratx li kien hemm xi dewmien esagerat konsegwenza ta' agir tal-istess Qorti anzi pjuttost kien hemm bosta nsistenza mill-Imhallfin sedenti sabiex il-provi jinghalqu. Jirrizulta izda li fuq ghazla tal-partijiet l-kawza bdiet miexja ma kawza ohra relatata mal-appartament sovrappost bir-rizultat li fl-atti dahlu wkoll atti li strettament kellhom jidhlu biss fil-process l-iehor u habba fihom anki twalu l-proceduri. Kien hemm perjodu ta' sentejn fejn il-kawza baqghet differita ghat-transazzjoni fuq talba tal-istess partijiet filwaqt li bosta mid-dewmien irrizulta minhabba l-insistenza tal-attur nomine li jibqa' jtella' aktar provi fuq provi u wkoll talbiet sabiex sabiex jigi awtorizzat jaghmel dan. Fl-atti gew intavolati wkoll numru konsiderevoli ta' rikorsi miz-zewg partijiet li servew sabiex ghal diversi drabi jistultifikaw il-proceduri pendenti digrieti li kienu jinghataw dejjem f'qasir zmien. Evidentement mill-ammont konsiderevoli ta' Periti u esperti li xehdu u ressqu dokumentazzjoni fl-atti, apparti l-kontro-ezamijiet estensivi taghhom u l-prezentata sahansitra ta' atti tal-inkjesta dwar il-hruq il-kaz certament jaqa taht il-kategorija ta' kaz komplessiv immens.

Illi għal dak li huwa stadju ta' appell għalkemm verament dan ha erba' snin sabiex gie deciz, l-attur nomine fl-ebda mument ma jikkontesta l-fatt li l-ammont likwidat fil-prim istanza kien gie depozitat b'mod immedjat a favur tieghu. In oltre l-Qorti tal-appell akkordat il-hlas tal-imghaxiijet mid-data tad-decizjoni tal-prim istanza u l-Qorti tqis li dan huwa kumpens bizzejjed ghall-istess dewmien fl-istadju ta' Appell.

Il-Qorti ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi wkoll ma tqisx li l-fatt li l-kawza damet komplessivament sbatax-il (17) sena, fic-cirkostanzi tal-kaz kumpless kif esposti u d-dewmien li ghalih jistghu biss jahtu l-partijiet partikolarment l-attur nomine nnifsu, dan kien zmien ragjonevoli u ma jikwalifikax f'lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attrici nomine taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-bniedem u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-intimat sorvolata, tghaddi sabiex filwaqt li tilqa' l-bqija tar-risposta tal-Avukat Generali ntimat tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tal-attrici stante li ma jirrizultaliex vjolazzjoni fil-konfront tal-attur nomine tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli u lanqas tad-dritt fondamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta' fit-termini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-

bniedem u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar, 2020**